

# OMAGGIO A GIUSEPPE VERDI

Fl-okkażjoni tal-145 sena mill-Fondazzjoni
u t-92 sena mir-rebħa fil-Konkors Bandistiku Internazzjonali f'Como, l-Italja


Shaping your wealth, together
Bank of Valletta's origins date back to 1809. We manage wealth by nourishing long-term relationships through generations.
Discover our private Wealth Management Services to preserve, grow and transition your wealth.
Call us for an appointment on (356) 2275 1133 to discover more about our different Wealth Management Services.
The value of investments may go down as well as up and may be affected by changes in currency and exchange rates.
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta)
BOV WEALTH MANAGEMENT
bov.com/wealth
BOV
Bank of Valletta

# Omaggio a Giuseppe Verdi

Fl-okkażjoni tal-145 sena mill-Fondazzjoni u
t-92 sena mir-rebħa fil-Konkors Bandistiku Internazzjonali f'Como, l-Italja
9 ta' Novembru 2019 - Istitut Kattoliku, Il-Furjana

# Werrej

Messaġġ mill-President ta' Malta ....................3
*Dr George Vella*
145 - Storja u Realtà ....................5
*Is-Sur Jonathan Paul Grima -*
*President tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*
Kumitat ....................7
Messaġġ mis-Sindku tal-Belt Valletta....................9
*Is-Sur Alfred Zammit*
Messaġġ mis-Sindku ta' Como ....................11
*Dott. Mario Landriscina*
Tisħiħ tal-Missjoni Nazzjonali....................13
*Cav. Dott. Tonio Portughese*
145 Sena ta' Storja ....................17
*Tagħrif miġbur minn Charles Mangion*
Surmastrijiet u Presidenti tas-Società ....................25
Ċelebrazzjonijiet tal-145 anniversarju ....................27
Giuseppe Verdi....................31
*Tagħrif miġbur minn Charles Mangion*
Ir-Rebħa ta' Como 1927....................37
*Tagħrif miġbur minn Carl Farrugia*
Mro Cardenio Botti....................47
*Tagħrif miġbur minn Carl Farrugia*
Inno La Valette....................55
*Tagħrif miġbur minn Charles Mangion*
Programm....................60
Kaludi Kaludov ....................73
Anna Dytry....................75
Coro Bel Canto ....................77
Mro Dominic Darmanin....................79
Verdiana ....................81
La Traviata ....................83
Rigoletto....................87
Il Trovatore....................91
La Forza Del Destino - Overture ....................95
Aida....................97
Nabucco - Overture....................101
Nabucco - Va Pensiero ....................105
Kif Għadda ż-Żmien 1949-2019....................111
*Charles Mangion*
Ħajr ....................117
Riklami....................120

**It-tagħrif dwar l-Opri nġabru minn Charles Mangion*

Società Filarmonica
Nazionale La Valette
297, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta
VLT1110
Tel: +356 21221818
Email: bandalavalette1874@gmail.com
Website: www.bandalavalette.org
Facebook: Società Filarmonica
Nazionale La Valette

***Bord Editorjali***
***Konsulent:***
Cav. Dott. Tonio Portughese
***Chairman:***
Lino Bartolo
***Segretarju:***
Carl Farrugia
***Membri:***
Jonathan Paul Grima
Emi Bonnici
Charles Mangion

***Ġbir ta' riklami:***
Lino Bartolo
Sandra Grech
Natalie Guazzo

***Kontributuri:***
Carl Farrugia
Charles Mangion

***Ritratti:***
Mill-Arkivji
Carl Farrugia
Charles Mangion

***Disinjatur:***
Carl Farrugia



*Ritratt tal-Faċċata: Giuseppe Verdi*
*pittura ta' Giovanni Boldini*

***Stampar:***

BONNICI'S PRESS Est. 1924

*36, St Paul's Street, Valletta*
*Tel: 21 224607*

# TRILOGY

*past.*
*present.*
*future.*



STERLING
Diamond Trilogy Collection

customer care : 21 245 999

www.sterlingjewellers.com.mt

# Messaġġ mill-President ta' Malta

*L-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella*



Nifraħ lis-Società Filarmonica Nazionale La Valette, magħrufa aħjar bħala l-Banda La Valette f'għeluq il-145 sena mit-twaqqif tagħha.

Meta soċjetà jirnexxielha tkompli għaddejja għal 145 sena, bilfors li tkun qiegħda tagħti servizz tajjeb, tkun qiegħda tirrifletti ż-żminijiet huma jinbidlu u fl-istess ħin tiġġedded biex tadatta ruħha għaż-żminijiet.

Bħal ħafna għaqdiet mużikali oħra madwar Malta u Għawdex, is-Soċjetà Mużikali La Valette nbniet madwar il-Banda.

Kważi kull belt u raħal ħass il-bżonn li jkollu l-banda tiegħu, l-ewwel u qabel kollox biex tkun tista' tieħu parti fil-festi esterni tal-Patrun. Barra minn dan l-għan reliġjuż, għaqdiet mużikali twaqqfu biex jissodisfaw għanijiet oħra, dak soċjali kif ukoll kulturali.

Bħala każin, tradizzjonalment kien joffri post fejn kienu jiltaqgħu l-ħaddiema wara l-ħin tax-xogħol. Li tkun soċju tal-każin kien jgħin biex dak li jkun iħossu li jappartjeni u tagħtih grad akbar ta' identità.

F'dan il-każ, is-Società Filarmonica Nazionale La Valette anke waslet biex toffri faċilitajiet biex il-membri jiltaqgħu f'Tas-Sliema biex igawdu l-frisk tal-baħar fis-sajf, vantaġġ li mhux kulħadd seta' jkollu.

Barra minn dan, is-Società, bħal ħafna soċjetajiet mużikali oħra offriet spazju għat-tagħlim tal-mużika. Ħafna kienu dawk li matul is-snin, tgħallmu jdoqqu strumenti u saru parti mill-banda.

Is-Società Filarmonica Nazionale La Valette ma rrestrinġietx ruħha matul is-snin għal Malta biss. Kienu ħafna l-okkażjonijiet fejn ħadet parti f'ċelebrazzjonijiet, u f'konkorsi bandistiċi internazzjonali barra minn pajjiżna b'suċċess.

Minkejja l-145 sena, is-Società La Valette għadha żagħżugħa u mimlija ħajja biex tkompli fil-futur dak li ilha żmien tagħmel fis-snin li għaddew.

Jien nawgura lill-President, lill-Kumitat u s-Soċi tas-Soċietà ħafna affarijiet sbieħ u futur mimli suċċessi.

Lill-bandisti nawguralhom li jkomplu jferrħu n-nies bit-talenti tagħhom, u nawguralhom kull suċċess għall-futur.

BEATI PAOLI

RESTAURANT

240, St Paul's Str.
Valletta, Malta

Mob. 9930 9319

beatipaolirestaurant



# 145 - Storja u Realtà

*Jonathan Paul Grima - President Società Filarmonica Nazionale La Valette*



Għeżież,

L-istorja hija dik li tagħmilna dak li aħna, u meta nħarsu lejha naraw minn fejn bdejna u fejn qegħdin bis-saħħa ta' dak li ġara u dak li għamlu missirijietna. Din hi wkoll ir-realtà tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette, li propju din is-sena qed tagħlaq 145 sena minn meta Paolo Darmanin waqqafha, żgur li ma kienx bidu faċli, però grazzi għalih u għal ħafna u ħafna nies, Presidenti, Soċji, Bandisti, aħna dak li aħna, waħda mill-aqwa Soċjetajiet li għandna fil-Gżejjer Maltin, u rridu nkomplu naħdmu biex ngħollu l-isem prestiġjuż tas-Società għażiża tagħna.

Żgur li wieħed mill-aktar avvenimenti importanti f'dawn is-snin ta' storja kien ir-rebħ tal-konkors ta' Como, li propju din is-sena jagħlaq 92 sena. Avveniment li jibqa' msemmi matul is-snin u li huwa magħġun tajjeb fl-istorja tagħna. Però żgur li dan ma jistax jibqa' biss anniversarju annwali, iżda jrid ikun punt ta' riferiment biex naħdmu qagħtih biex dak li b'għaraq ta' ġbinhom ħadmu għalih missriijietna aħna nagħmlulu ġieħ b'dak li qegħdin nagħmlu llum.

U għalhekk dan il-Kunċert, 'Omaggio a Giuseppe Verdi' mhux biss se jfakkar lil dan il-Kompożitur famuż Taljan li l-mużika tiegħu tibqa' immortali u qatt ma jgħaddi żmienha, iżda se jkompli joħroġ fid-dieher, flimkien mal-kor u mas-Sopran Anna Dytry u t-Tenur Kaludi Kaludov il-kapaċità tal-Banda tagħna taħt it-tmexxija tas-Surmast Domnic Darmanin. Banda li matul dawn is-snin kompliet tiġi mistiedna f'għadd ta' lokalitajiet u ċelebrazzjonijiet biex bl-elementi tagħha tkompli tferraħ lil min ikun preżenti. Banda li hija element importanti ħafna fis-Soċietà tagħha.

Propju f'dan il-kunċert se nisimgħu fl-oriġinalità tiegħu fl-Innu immortali tal-Filarmonica Nazionale La Valette, Dan l-innu se jiġi eżegwit bil-kant mill-kor u mit-Tenur u s-Sopran flimkien mal-Filarmonica La Valette.

Nirringrazzjakom tal-preżenza tagħkom u ta' sostenn kontinwu lis-Soċietà.




Brauerei
MonteKristo

# Montekristo Brewery
## Freshly brewed Beer

**Tel: 22033000**
**Email: info@montekristo.com**
**FB: brauerei montekristo**




# Kumitat tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette 2019-2020



| | |
|---|---|
| President | Sur Jonathan Grima |
| Viċi President | Sur Lino Bartolo |
| Segretarju | Sur Daniel Mangion |
| Kaxxier | Sur Glen Attard |
| Direttur Ġenerali | Sur Emi Bonnici |
| Direttur tal-Billiard | Sur Simon Farrugia |
| Direttur tal-Bar | Sur Michael Borg |
| Delegat tal-Banda | Sur Simon Farrugia |
| Arkivista | Sur Vincent Farrugia |
| Assistent Segretarju | Sur Emmanuel Caruana |
| Assistent Kaxxier | Sur Emi Bonnici |
| Assistent Direttur tal-Billiard | Sur Carol Muscat |
| Assistent Direttur Ġenerali | Sur Michael Borg |
| Direttur Sala Lettura | Sur Frans Mintoff |
| Membru | Sur Anton Cassar |

| | |
|---|---|
| Direttur Spiritwali | Fr Victor Paul Farrugia |
| Surmast Direttur | Mro Dominic Darmanin |
| Assistent Surmast Direttur | Mro James Chappell |
| Għalliem tal-Iskola tal-Mużika | Mro Shaun Scicluna |
| Assistent fil-Banda | Sur Chris Vella |


BONNICI'S PRESS Est.1924
Digital & Offset Printers
36, St. Paul Street,
Valletta
Tel:2122 8138
2122 4607
Mobile: 9987 0603
E-mail: emibonnici@gmail.com
96 Years of Printing Service

# Messaġġ mis-Sindku tal-Belt Valletta

*Alfred Zammit*



Huwa ta' unur u pjaċir kbir għalija bħala Sindku tal-Belt Kapitali Valletta li ġejt mistieden nikteb dal-kelmtejn f'dan il-ktejjeb komemorattiv, maħruġ mis-Società Filarmonica Nazionale La Valette, fl-okkażjoni tal-145 sena mit-twaqqif tagħha, kif ukoll fl-okkażjoni tal-kunċert annwali li din is-sena huwa ddedikat lil wieħed mill-kbar tal-mużika Giuseppe Verdi.

Dan huwa kunċert operistiku u sinfoniku bl-isem ta' Omaggio a Giuseppe Verdi li mużikalment huwa impjenjattiv ħafna fejn ser jingħaddu diversi biċċiet tal-mużika ċelebri mill-kamp Verdjan. Hawnhekk ippermettuli neżalta l-ħiliet kbar kemm tas-Surmast Mro. Dominic Darmanin kif ukoll ta' dawn il-mużiċisti li jsawru l-baned tagħna, għax tajjeb ngħidu li biex jintlaħaq dan il-livell mhux sempliċement trid tkun bandist iżda trid tkun mużiċist ta' ċertu livell u kapaċitajiet, minn qalbi nawguralhom kull suċċess għal dan il-kunċert.

Nawgura wkoll lill-President u l-kumitat tad-direzzjoni ta' din is-soċjetà għal aktar ħidma u suċċessi fil-futur qarib. Dawn il-145 sena żgur li kienu kkaratterizzati b'ħafna suċċessi, iżda fuq kollox kienu strumentali flimkien ma' għaqdiet oħra fil-Belt Valletta għall-formazzjoni u edukazzjoni soċjo-kulturali u fuq kollox sa biex tiġi imsawra l-identità Beltija! Dak li jagħmilna Beltin.

Aħna bħala Gvern Lokali ser nibqgħu impenjati li ngħinu lis-soċjetajiet mużikali tagħna kif ukoll għaqdiet oħra Beltin biex niżguraw li dawn ikomplu jissaħħu, jikbru u jitkattru maż-żminijiet u jkomplu jkunu ta' ġid u sostenn morali u soċjali għall-komunità tagħna.

Finalment nawgura lis-Sur Jonathan Grima li ġie konfermat bħala President tas-Società La Valette għal dawn is-sentejn li ġejjin.


Wines of
Distinction
DOK Malta • DOK Gozo
IGT Maltese Islands
PARLIAMENTARY SECRETARY FOR AGRICULTURE,
FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS
THE MALTA WINE TRAIL
THE JOURNEY FROM VINE TO WINE - NOW ONLINE
Visit
winesofmalta.gov.mt
and learn more of our superb wine-cultivation
FOLLOW DOK MALTA DOK GOZO ON:

# Messaġġ mis-Sindku ta' Como

*Dr. Mario Landriscina*

COMUNE DI
COMO
*Il Sindaco*

Prot.58043/2019

Egregio Presidente

Filarmonica Nazionale "La Vallette"

Como, 7 ottobre 2019

Egregio Presidente,

sono lieto di apprendere che il concerto operistico e sinfonico "Omaggio a Giuseppe Verdi", proposto per festeggiare i 145 anni della vostra fondazione, sia occasione per ravvivare il successo ottenuto a Como 92 anni fa dalla Filarmonica Nazionale "La Valette", allora condotta abilmente dal Maestro Cardenio Botti, in occasione del Concorso Bandistico Internazionale indetto dalla nostra città nell'ambito delle celebrazioni voltiane.

A nome mio e dell'Amministrazione che rappresento, porgo a Lei, ai Dirigenti, ai musicisti e a tutto il pubblico intervenuto, i più sinceri auguri per la buona riuscita dell'iniziativa e sono convinto che questa occasione, oltre che rinnovare l'amicizia e la stima reciproche, contribuirà a consolidare i rapporti culturali tra le nostre città.

Sono consapevole dell'importanza che riveste Como nella vostra storia e da parte mia non posso che esprimere grande apprezzamento sottolineando il legame storico e culturale che ci unisce.

A nome della città tutta rinnovo quindi i migliori auguri per il buon esito dell'evento con cui vi apprestate a celebrare i 145 anni di impegno culturale della Filarmonica Nazionale "La Valette" e mi congratulo per la qualità e l'impegno profusi nell'organizzazione della manifestazione.

Con i migliori saluti.

Dott. Mario Landriscina

# DELICIOUSLY INTIMIDATE FRUIT




**TRY** *a Smirnoff Soda Fruit Smash*

M.DEMAJO

DRINKiQ.com

drinkawaremalta.com
for the facts

INFAMOUS *since 1864*
There's vodka, then there's
Smirnoff

# Tisħiħ tal-Missjoni Nazzjonali

*Cav. Dott. Tonio Portughese - Membru Onorarju tas-Società Filarmonica Nazionale LA VALETTE*
*Konsulent tal-Proġett Ċelebrattiv*

Inħossni onorat bl-istedina biex nikkollabora mad-Direzzjoni tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette AD 1874 fl-organizzazzjoni tal-Kunċert Operistiku u Sinfoniku. Mill-ewwel laqgħat sibt disponibbiltà u entużjażmu biex noħolqu Proġett b'timbru singulari u mill-ewwel middejna għonqna għax-xogħol biex l-ewwel nett infasslu Programm speċjali — OMAGGIO A GIUSEPPE VERDI, kif ukoll biex nagħtuh statura internazzjonali b'kantanti tal-Opra b'repertorju Verdjan.

Qgħedt il-kuntatti artistiċi u mużikali għad-dispożizzjoni tas-Società, u wasalna biex attirajna lit-Tenur rinomat Kakudi Kaludov mill-Bulgarija u s-Soprano Anna Dytry mill-Polonja, flimkien mal-Coro Bel Canto u mal-Banda Nazzjonali La Valette diretta minn Mro Dominic Darmanin nagħtu l-aqwa tribut lil Giuseppe Verdi f'kunċert dedikat esklussivament lil dan il-ġgant tal-opra mondjali.

Bix-xieraq il-Kunċert Verdjan isaħħaħ u jarrikkixxi r-ruħ u l-impenn mit-tnissil tagħha bħala Società b'viżjoni nazzjonali li tiddistingwi ruħha fil-promozzjoni tal-ogħla manifestazzjonijiet u espressjonijiet artistiċi u mużikali. M'hemmx dubju li l-anniversarji li qed niċċelebraw jirriflettu l-mixja ispirata mill-Missjoni Storika bħala strument tal-Kultura u bħala Ambaxxatriċi eċċellenti ta' pajjiżna fil-kamp mużikali nazzjonali u internazzjonali.

Huwa tal-akbar unur u privileġġ li ninsab assoċjat ma' dan il-Proġett għat-tixrid u l-apprezzament tal-mużika operistika bħala xhieda tal-impenn storiku tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette lejn l-ogħla livelli ta' Eċċellenza b'risq l-Arti, il-Mużika u l-patrimonju kulturali.

Nota biografika: Tonio Portughese huwa dekorat bl-onorificenzi ta' Cavaliere Dottore dell'Ordine al Merito della Repubblica Italiana mill-President Carlo Azeglio Ciampi; Officier tal-Legion d'Honneur mill-President ta' Franza Francois Hollande; Ufficjal tal-Ordni tal-Mertu b'Gieh ir-Repubblika ta' Malta mill-President George Abela;Gieh Ghawdex mill-President Marie Louise Coleiro Preca.



*Tonio Portughese bħala Chairman tal-Public Broadcasting Services Ltd jippreżenta d-DVDs tal-Kunċert "La Sollevazione di Cristo" lill-President Jonathan Grima u li TVM xandar nhar il-Ġimgħa l-Kbira.*

The Garage Door People

FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.



**FGP Ltd**

**109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8, Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt**




At the heart of our Capital City
sg
SAN GIOVANNI
Valletta
St. John's Square, Valletta
9949 6810
SanGiovanniValletta

SPORTS
EXPERIENCE
Your Text or Logo Here
(+356) 2143 8877
(+356) 7928 7752
trophies@sportsexperience.com.mt
74, Triq il-Pitkali, H' Attard, Malta, EU
SportsExperienceMt

# SEYBA ALUMINIUM LTD.

**Importers of Aluminium Profiles in Various Colours.**

**Thermal Break Sliding, Light & Heavy Duty Sections toghether with Hinge Profiles & Accessories.**





GEAL S.p.A.
estrusione e lavorazioni alluminio
www.geal.it



17, Triq il-Kummerċ, Qormi - QRM 3032
Tel: 2144 7580 / 95 Fax: 2144 7580 - Mob: 7947 3726 - 7944 7580
E-mail: seyba.alum@gmail.com

# 145 Sena ta' Storja

*Taħrif miġbur minn Charles Mangion*

L-10 ta' Frar; il-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, ilha tkun iċċelebrata mijiet ta' snin iżda fil-festi esterni kienu jieħdu sehem biss baned militari li hija turija kemm l-10 ta' Frar minn dejjem kienet festa nazzjonali għall-Maltin kollha.

145 sena ilu, negozjant b'ħanut tal-ħelu fi Strada San Paolo, flimkien ma' grupp żgħir ta' żgħażagħ Pawlini; li kull meta kienu jiltaqgħu d-diskors kien dejjem ikun, "X'nistgħu nagħmlu biex inkabbru l-festa?" Mill-kliem għaddew għall-fatti; u f'laqgħa li saret fid-19 ta' Ottubru 1874 iddeċidew li jwaqqfu Società Mużikali fil-Belt Valletta. Intgħażlu d-diretturi; Paolo Darmanin; illum magħruf il-fundatur tas-Società; u s-surmast Luigi Carabott. Id-19 ta' Ottubru 1874 huwa għalhekk il-jum tal-fondazzjoni ta' La Valette li jfisser li La Valette hija l-ewwel banda tat-Belt.



*Paolo Darmnin - Fundatur tal-Banda*

Ismijiet proposti kienu: Società Filarmonica San Paolo jew Società Filarmonica La Valette; li ntgħażel u qatt ma tbiddel ħlief li maż-żmien sar Società Filarmonica Nazionale La Valette.

Interessanti l-fatt li juri kemm l-ewwel 35 żagħżugħ, bandisti/soċji; kellhom għal qalbhom il-Festa u s-Società ġdida; li aċċettaw dawn il-kundizzjonijiet:



*Il-Banda mal-ewwel Surmast Luigi Carabott fl-1876*


MATALAN
Women's | Men's | Kids' | Home
The Strand, Sliema | Zabbar Road, Fgura | Republic Street, Valletta
Smart Shopping Complex, B'Kara | Centerparc Shopping Centre, Qormi

a) Jixtru u jitgħallmu l-istrument,
b) Joħorġu l-flus għal kull ma jkun hemm bżonn,
c) Iħallsu miżata regolarment,
d) Idoqqu bla ħlas.

Tant dawn iż-żgħażagħ, li issa saru 50, ħadu l-istudju bis-serjetà, li s-surmast Carabott iddeċieda li l-Banda La Valette kienet lesta biex tagħmel id-debutt tagħha fil-pubbliku. Dan sar fit-Teatru Manoel, fit-28 ta' Mejju 1875, f'serata ta' benefiċċju b'risq il-baritonu Lorenzo Del Riccio. Il-gazzetti kollha kellhom kliem ta' tifħir għas-suċċess li kellha l-Banda La Valette.

L-ewwel darba li l-Banda La Valette daqqet fit-toroq tal-Belt kienet fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu f'Lulju tal-istess sena. Sar marċ bl-akbar briju fil-15 ta' Lulju u f'jum il-Festa, La Valette esegwiet programm Mużikali li għalih attendew folol kbar. Suċċess ieħor.

Il-ħolma taż-żgħażagħ Pawlini saret realtà meta l-Banda La Valette ħadet sehem għall-ewwel darba fil-Festa tan-Nawfraġju fl-10 ta' Frar 1876.

Il-Corriere Mercantile Maltese tal-15 ta' Frar jagħti deskrizzjoni dettaljata tas-suċċess tal-Festa u jagħlaq hekk: "Fl-aħħar nett ngħidu kelmtejn ta' tifħir speċjali lid-dilettanti bravi tal-Banda La Valette li daqqew darbtejn filgħaxija fost l-entużjażmu tal-poplu. Il-promoturi tal-Festa għandhom għax ikunu kburin bir-riżultat eċċellenti li żgur kien superjuri għall-festi ta' qabel."



*Il-Banda f'Alġiers fl-1912*




*Il-Banda f'Tuneż fl-1926*

La Valette malajr saret magħrufa mhux biss f'Malta, imma spiss kienet mistiedna f'diversi festi u konkorsi fi bliet barranin; fosthom f'Tuneż 1893; Catania 1906 f'konkors internazzjonali; Bona u Algiers; iżda l-Konkors Mużikali li sar f'Como fis-27 ta' Awwissu 1927 għadu jkun imfakkar sal-lum għaliex kien konkors għat-titlu EĊĊELLENZA bejn iż-żewġ baned tal-Belt li ntrebaħ f'kull kategorija mil-La Valette.

Għadda ż-żmien, u s-Società l-Banda La Valette baqgħet dejjem tikber.

Waslet it-Tieni Gwerra Dinjija. Għalkemm il-każin baqa' miftuħ, l-attivitajiet naqsu ħafna u fl-agħar żminijiet bejn 1941 u 1942 il-banda sfaxxat fix-xejn. Ta' min ifakkar li bomba ġarrfet il-parti ta' wara tal-każin.

Kien is-Surmast Giuseppe Camilleri li b'ħila u perseveranza reġa' għaqqad il-banda u kompla jżid is-suċċessi tal-Banda La Valette sas-sena 1968 meta rtira bl-età. Wara perjodu qasir taħt l-aġent Surmast Edgar Lowell, fl-1970 is-Surmast Joseph Sammu kompla, fejn ħalla Camilleri ikabbar is-suċċessi ta' La Valette. Fl-2008, ħa f'idejh id-direzzjoni tal-banda s-Surmast Domnic Darmanin li kompla fejn ħallew is-surmastrijiet ta' qablu u wkoll, il-programmi bdew ikunu aktar varjati u adatti għaż-żminijiet tal-lum.

Is-Società kompliet tikber u ħadet sehem f'kull attività nazzjonali li kien hawn. Saru safriet


CREATE NEW
TRADITIONS
CISK
LAGER BEER
SINCE 1929
CISK
LET'S START
SOMETHING



*Mro Giuseppe Mulè flimkien mal-Kav. Alfred Padovani u Mro Botti waqt il-Kunċert Sinfoniku fit-Teatru Rjal*

f'Como (2006), Palazzolo (2014) u aktar riċenti f'Gela (2018). F'kull post, il-banda nltaqgħet b'entużjażmu kbir.

F'dawn l-aħħar snin, ġew organizzati fil-Każin wirjiet diversi: wirjiet Pawlini u tal-Ġimgħa Mqaddsa fost oħrajn. Riċentement, b'kumitat ħabrieki taħt il-Presidenza tas-Sur Jonathan Grima qed isir progress evidenti fl-ambjent fiżiku tal-Każin u qed ikunu wkoll organizzati attivitajiet li barra li jservu bħala introjtu finanzarju, ukoll ilaqqgħu l-membri flimkien.

Nawguraw aktar snin ta' ħidma lill-Kumitat ħalli l-isem tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette jkompli jkun miżmum fil-għoli bħalma dejjem kien.

*Tagħrif miġbur mill-ktieb "La Valette" - 100 sena ta' storja tal-Kan. John Ciarlò*



*Il-Filarmonica Nazionle taħt id-direzzjoni tas-Surmast Sammut li ħadet sehem waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li saru biex ifakkru l-100 sena mit-twaqqif tas-Società*




42, West Street, Valletta
Mob: 99443357

Opening Hours
Monday to Saturday : 11.30am - 9.30pm
Sunday : 11.30am - 2.30pm

TUTTO SPORT MALTA
QUALITY MADE AFFORDABLE.

TUTTO SPORT MALTA
PAOLA | VALLETTA | MOSTA



*Mro Joseph Sammut jidderieġi l-banda fi Pjazza Reġina*



*Il-Banda waqt programm mużikali fit-Teatru Manoel*




T: +356 2723 2666 | insurance@gasanmamo.com | gasanmamo.com
GasanMamo Insurance Ltd. hi awtorizzata mill-MFSA.

# Surmastrijiet

| | |
|---|---|
| Luigi Carabott | 1874-1877 |
| Emmanuele Bartoli | 1877-1885 |
| Paolo Miruzzi | 1885-1888 |
| Gaetano Grech | 1888-1889 |
| Vincenzo Carabott | 1889-1899 |
| Antonio Miruzzi | 1890-1900 |
| Gregorio Lucia | 1900-1910 |
| Giuseppe Vitaliti | 1910-1919 |
| Ettore Mattioli | 1920-1921 |
| Francesco Bellizzi (Aġent) | 1921-1923 |
| Cardenio Botti | 1923-1935 |
| Francesco Bellizi (Aġent) | 1935-1937 |
| Giuseppe Camilleri | 1937-1968 |
| Edgar Lowell (Aġent) | 1968-1970 |
| Joseph Sammut | 1970-2007 |
| Dominic Darmanin | 2008- |

# Presidenti

| | |
|---|---|
| Nobbli Ramiro Barbaro | 1874-1877 |
| Konti Francesco Manduca | 1877-1883 |
| Dr Agostino Naudi LLD | 1883-1892 |
| Dr Vincenzo Frendo Azzopardi LLD | 1892-1894 |
| Paolo Cutajar | 1894-1897 |
| Dr Fortunato Mizzi LLD | 1897-1898 |
| Komm. Joseph Howard | 1902-1907 |
| Dr Goffredo Adami LLD | 1902-1907 |
| Konti Dr Alfredo Caruana Gatto LLD | 1907-1909 |
| Komm. Joseph Howard | 1909-1917 |
| Komm. Dr Lewis F. Mizzi LLD CMG | 1917-1918 |
| Onor. Sir Ugo P. Mifsud Kt., LLD | 1918-1942 |
| Sir Philip Pullicino Kt., B. Litt, LLD | 1942-1950 |
| Onor. Dr Giorgio Borg Olivier LLD | 1950-1980 |
| Nutar Dr Joseph Cachia LLD | 1980-1986 |
| Dr Alb. Borg Olivier De Puget LLD | 1986-1992 |
| Dr Francis Portanier BA(Hons), LLD | 1992-2005 |
| Dr Ray Bondin BA (Hons.), MA, PhD | 2005-2008 |
| Sur Alfred Zahra | 2008-2010 |
| Sur Carmelo Camilleri M.O.M. | 2010-2015 |
| Dr Paolo Borg Olivier LLD | 2015-2017 |
| Sur Jonathan Paul Grima | 2017- |

dolceria

Barigozzi













12, St Helen Square

Birkirkara

Tel: 2144 9514 Mob: 7748 0377

# Ċelebrazzjonijiet tal-145 anniversarju



Il-Kumitat Ċentrali ħadem sabiex jiċċelebra l-145 anniversarju mit-twaqqif tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette b'diversi attivitajiet.

L-ewwel attività kienet wirja bl-istandarti ta' Soċjetajiet mużikali minn Malta li fetħet fl-4 ta' Ottubru li saret fis-Sede tas-Società u li damet miftuħa sas-Sibt 19 ta' Ottubru, Jum il-Fondazzjoni.



Nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru membri tas-Società poġġew kuruni tar-rand quddiem il-lapida tal-fundatur tas-Società fi Triq Zakkarija, quddiem il-monument l-eks Prim Ministru u President tas-Società Ġorġ Borg Olivier fi Pjazza Kastilja u quddiem il-monument tal-Gran Mastru La Valette fi Pjazza de Valette.



Il-Ħadd 20 t' Ottubru 2019 saret quddiesa ta' ringrazzjament f'għeluq il-145 sena anniversarju mit-twaqqif tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette, fl-Insinji Kolleġġjata Urbana, Matriċi, Veskovili u Parroċċa Prinċipali ta' San Pawl Nawfragu. Il-quddiesa kienet immexxija mill-Kan. Mario Tong, flimkien mal-Arċipriet il-ġdid, Dun David Cilia, l-Arċipriet Emeritus Dun Vinċenz Borg, u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata. Niseġ l-omelija Fr Victor Paul Farrugia OCarm, Direttur Spiritwali tas-Società. Animaw din il-quddiesa diversi bandisti tas-Soċjetà La Valette u kor taħt id-direzzjoni ta' Mro James Chappell.



Wara sar Korteo bl-istandarti kollha li ħadu sehem fil-wirja, minn quddiem il-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu sas-Sede tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette. Waqt dan il-Korteo, il-banda tas-Soċjetà allegrat lin-nies preżenti, b'diversi marċi.




# The shape of things to come

The industry we know so well today has much humbler beginnings which take us back to China around 500BC when bamboo was used to construct the first pipelines. At Multigas we continually develop our world-class technology to ensure that you're always ahead of the curve. Our beginnings might be distantly in the past but our sights are firmly set on a brighter future.

multigas
INDUSTRIAL & MEDICAL GASES

Triq l-Industrija, Kirkop, KKP 9042, Malta
(+356) 2164 1113 • info@multigas.com • www.multigas.com

Supply of pure gases • Supply & serving of gas & welding equipment • Handling & storage of cryogenic liquids
Producers & distributors of medical, industrial gases & refrigerants • Filling of compressed gas cylinders • Dry ice




# J. CURMI INTERIORS

(JOSEPH CURMI)

Mob: 77466425 EMAIL curmijoeinteriors@hotmail.com

Facebook: JOSEPH CURMI

*For all kind of GYPSUM and INTERIOR works*

*Free quotations and tenderers are welcome*


CROCE
BONACI
CATERERS
32 • St. Ursula Street • Valletta • Malta 2122 5924 7944 1410 / 9985 8430
info@crocebonaci.com www.crocebonaci.com

# Giuseppe Verdi

*Tagħrif miġbur minn Charles Mangion*

Jekk ikollok issaqsi lil xi ħadd minn wieħed mill-ħames kontinenti; "Min kiteb l-akbar numru u l-isbaħ opri?" Ir-risposta tkun, "Verdi." U dan bir-raġun! Verdi, minbarra għadd kbir ta' marċi, kunċerti, sinfoniji, mużika sagra u cantate; ikkompona 26 opra li l-parti kbira minnhom għadhom jittellgħu fl-aktar teatri magħrufa mad-dinja kollha.

Verdi, l-isem sħiħ tiegħu Giuseppe, Fortunino, Francesco; twieled f'Le Roncole, raħal żgħir qrib Busseto, Provincia di Parma, l-Italja; li kienet tagħmel parti mill-ewwel imperu Franċiż; fid-9 ta' Ottubru 1813.

Il-familja kienet żgħira; ommu Luigia li kienet taħdem ta' spinner, missieru Carlo li kien sid ta' lukanda żgħira u oħtu Giuseppa li mietet ta' 19-il sena.

Ta' età żgħira Giuseppe wera l-ġenju tiegħu fil-mużika. Kien abbati, ikanta fil-kor tal-knisja, beda jistudja l-orgni u ta' 8 snin sar l-organista uffiċjali tal-knisja tar-raħal.



*Id-dar fejn twieled Verdi*

Il-familja marret toqgħod f'Busseto. Giuseppe beda jistudja l-kompożizzjoni u ta' 15-il sena kiteb Cantata, I Deliri di Saul, illum intilfet għalkollox.

Fl-1882, applika biex jidħol fil-Konservatorju ta' Milan imma ma ġiex aċċettat minħabba l-età. Kompla l-istudji tiegħu taħt il-kompożitur Vincenzo Lavigna u ta' 20 sena sar id-direttur tas-Società Filarmonica ta' Busseto.

Fl-1836, Giuseppe iżżewweġ lil Margerita Barezzi, it-tifla tal-akbar ħabib tiegħu. Żwieġ li



*Verdi flimkien mal-familja u l-ħbieb fil-Ġonna ta' Villa Sant'Agata*

# DISCOVER OUR COLLECTABLE BOTTLES

**A depiction of Malta's history and culture.**

Coca-Cola

TASTE THE FEELING
MALTA




©2019 The Coca-Cola Company.



*Verdi jiltaqa' mar-Re Vittorio Emanuele*

ma kellux ikun għal żmien twil. Fl-1838, marru joqogħdu Milan u hawn beda żmien ta' traġedji personali għal Verdi. Kellhom żewġt itfal; Virginia u Icilio. Virgilia twieldet f'Marzu 1837 u mietet ta' anqas minn sena u nofs f'Awwissu 1838. Icilio twieled f'Lulju 1838 u miet f'Ottubru 1839. Qabel il-mewt tat-tifel, Giuseppe kellu suċċess enormi mal-udjenza u mal-kritiċi bl-ewwel opra tiegħu, Oberto, f'La Scala fl-1839.

Waqt li kien jikkomponi t-tieni opra tiegħu, Un Giorno di Regno, Verdi kellu jgħaddi minn sfortuna tremenda oħra. Wara l-mewt tat-tfal, kellu jsofri wkoll il-mewt ta' Margerita fl-età ta' 26 sena f'Ġunju 1840. Ma kenitx sorpriża li Un Giorno di Regno kienet ftit jew wisq fjask. Għalkemm imkisser moralment, Verdi għamel kuraġġ u l-ewwel żewġ opri tiegħu wara t-traġedji li kellu; Nabucco fl-1842 u I Lombardi Alla Prima Crociata fl-1843 kienu tant suċċess li kabbru r-reputazzjoni tiegħu mal-ltalja kollha.

Mill-1840 sal-1870 kienu snin li matulhom Verdi kompla jżid suċċess fuq suċċess universali bil-kompożizzjoni ta' serje ta' opri mill-aktar melodjużi li saħansitra għadhom ikunu rappreżentati illum fl-aktar teatri magħrufin fid-dinja kollha; fosthom Macbeth 1847; Luisa Miller 1849; Rigoletto 1851; Traviata 1853; Un Ballo in Maschera 1859; La Forza Del Destino 1864; u Aida 1871.

F'nofs is-snin 40, Verdi beda relazzjoni mas-soprano Giuseppina Strepponi li wasslet għat-tieni żwieġ tiegħu fid-29 ta' Awwissu fl-1859. Strepponi kienet l-id il-leminija tiegħu sal-aħħar ta' ħajtu.

L-aħħar xogħol tiegħu kellu jkun il-Messa da Requiem b'memorja ta' Alessandro Manzoni, iżda b'insistenza ta' Giulio Ricordi u b'kollaborazzjoni ma' Arrigo Boito fl-1887 ikkompona L'Otello, li wara s-suċċess kbir li kellha fid-debut tagħha, għadha sal-lum meqjusa l-kapolavur mużikali ta' kull żmien. B'kuraġġ wara dan is-suċċess, Verdi flimkien ma' Boito kkompona l-opra buffa, ibbażata fuq il-Merry Wives of Windsor ta' Shakespeare; Falstaff li wkoll kienet milqugħa bil-kbir mal-ewwel rappreżentazzjoni tagħha f'La Scala. Din kellha tkun l-aħħar opra ta' Verdi.

Fi żmien Verdi, l-Italja kienet maqsuma f'numru ta' stati differenti, b'xi wħud minnhom taħt il-ħakma barranija. Kien beda r-Risorgimento, moviment biex issir l-unifikazzjoni tal-Italja.



*Verdi jidderieġi l-orkestra*

# San Paolo Naufrago
## WINE BAR

**11, Triq Sta. Lucia, Valletta**
**Tel: 2701 3353 - Mob: 9951 1854**
**e-mail: kcarabott78@gmail.com**



Fl-ewwel xogħlijiet tiegħu Verdi wera simpatija mar-Risorgimento u wkoll kien elett kunsiller u kellu laqgħet ma' Vittorio Emanuele u Cavour. Infatti, il-kor/talba Va Pensiero u korijiet oħra tiegħu servew għal dan il-għan u beda jidher is-slogan Viva Verdi maqlub għal Viva Vittorio Emanuele Re D'Italia.

Fl-aħħar snin, Verdi kellu sehem f'ħafna attivitajiet filantropiċi, fosthom kanzunetta b'risq il-vittmi tat-terrmot fi Sqallija fl-1894, kif ukoll waqqaf djar ta' mistrieħ u sptarijiet għall-mużiċisti anzjani rtirati.

F'Jannar 1901, sofra attakk tal-qalb u miet ġranet wara fis-27 ta' Jannar 1901 fl-età ta' 87 sena.

Għall-funeral ta' Verdi, Arturo Toscanini għaqqad numru kbir ta' orkestri u korijiet mill-Italja kollha u sal-lum dan il-funeral għadu magħdud bħala attività unika fejn inġabru l-akbar folol fl-istorja Taljana.

Verdi ndifen fiċ-Cimiterio Monumentale ta' Milan, iżda xahar wara, kien trasportat għall-Kripta tal-Casa di Riposo per i Musicisti, imwaqqfa mill-istess Verdi.



*Nies jiktbu Viva Verdi li kienet tfisser Viva Vittorio Emanunuele Re D'Italia.*

Illum, Giuseppe Verdi għadu miżmum bħala wieħed mill-akbar, jekk mhux l-akbar kompożitur fl-istorja dinjija. Aktar minn hekk, ix-xogħlijiet tiegħu kienu u għadhom ikunu mtellgħin aktar minn kull xogħol ta' kwalunkwe kompożitur ieħor, fl-aktar teatri magħrufin fid-dinja.


*Il-funeral statali ta' Giuseppe Verdi*


I CAN.
SO I DID.
REVLON
LIVE BOLDLY
"I am totally candid.
And so is my foundation."
NEW PhotoReady
Candid™ Foundation
The skin-enhancing foundation with flawless coverage and natural finish.
What's in: antioxidant, anti-pollution, anti-blue light ingredients
What's out: oils, parabens, phthalates, synthetic dyes & harsh fragrances
/ REVLON MALTA
REVLON
NEW
CANDID
350
REVLON
CANDID
015
REVLON
CANDID

# Ir-Rebħa ta' Como 1927

*Tagħrif miġbur minn Carl Farrugia*

Jeħtieġ immorru Como għaliex La Valette tagħraf tassew min hi u x'tista' tagħti f'Konkors bħal dan: hija għandha l-kuraġġ meħtieġ biex tikkonkorri u għaliex trid bil-forzi tagħha kollha tagħmel ġieħ lill-isem ta' Malta barra mill-pajjiż". Dan kien kliem imqanqal, fost ċapċip u entużjażmu kbir li Mro Cardenio Bott temm id-diskors tiegħu waqt il-konferenza pubblika li saret fil-każin dwar il-Konkors Bandistiku ta' Como kif ġiet rappurtatat fil-ġurnatl Malta tal-25 ta' Mejju 1927.

Kien il-Maestro Cardenio Botti li għarraf lill-Kumitat li f'Como kien se jsir Konkors Bandistiku Internazzjonali fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji f'ġieħ Alessandro Volta. Dan talbu f'ittra li nqrat fl-4 ta' Marzu 1927 fejn talab lill-Kumitat biex iwaqqaf Kummissjoni biex tistudja jekk dan setax isir.

Wara diskussjoni l-Kumitat waqqaf Kummissjoni bl-isem ta' Pro Gita Como fejn inħatru bħala membri Mro C. Botti, is-Sur G. Tua, Dr. W. Harding u Dr A. Stilon Depiro. Ir-rapport minn din il-Kummissjoni wasal għand il-Kumitat li approva fil-prinċipju li l-Banda tieħu sehem. Fis-Seduta Ġenerali tat-18 ta' Marzu 1927 wara li s-Sur G. Tua għarraf lis-Soċi bid-dettalji tar-rapport, is-seduta tat l-approvazzjoni.

Wara li ttieħdet id-deċiżjoni, Mro Botti beda bil-kunċerti li baqgħu sejrin sa jumejn qabel it-tluq tal-banda għal Como filwaqt li twaqqfet Kummissjoni Speċjali.

Il-Banda telqet minn Malta fit-23 ta' Awwisu u waslet Como fis-26 ta' Awwissu filgħodu. Fl-istazzjon ntlaqgħet mill-awtoritajiet lokali. Kellha jakkumpanjawha s-Sur Giovanni Caruana, is-Sur Paolo Spiteri, is-Sur Giuseppe Attard, is-Sur Vinċenz Farrugia u s-Sur Carmelo Farrugia.

Il-konkors fetaħ is-Sibt 27 ta' Awwissu filgħodu fit-Teatro Sociale bil-lettura a prima vista li ħadu sehem biss il-Baned "Prima Categoria" u l-Baned tal-"Categoria Superiore-Eccellenza". Fil-kategorija "Superiore-Eccellenza" kien hemm il-




*Dehra tat-Teatro Sociale fejn sar il-Konkors Bandistiku Internazzjonali ta' Como*




Your travel money will go further with zero commission and thanks to our free buy back guarantee, upon your return you can exchange any unused currency notes at the original exchange rate within 30 days from date of purchase. Don't forget to give us your Fly Pass number to get your Air Malta KMiles.

FEXSERV
THE MONEY PEOPLE

2576 2576 www.fexserv.com

San Gwann | Valletta | St. Julian's | Gzira
Fgura | Mosta | Bugibba | Gozo

Terms and Conditions Apply



*Dehra tal-Istadium fejn sar il-Kunċert Finali u fejn tħabbar il-verdett finali*

Banda King's Own ta' Malta taħt id-direzzjoni ta' Mro Aurelio Doncich u l-Banda La Valette taħt id-direzzjoni ta' Mro Cardenio Botti.

Il-Banda La Valette esegwiet il-biċċa mużika li tatha l-ġurija dak il-ħin bla qatt ma kienet ratha qabel, b'perfezzjoni u intonazzjoni impekkabli, u kemm is-Surmast Botti kif ukoll il-bandisti ħarġu mit-teatru ferħanin bl-esekuzzjoni li taw.

Wara l-banda qiegħdet kuruna tal-fjuri biż-żigarelli bojod u ħomor taħt il-monument ta' Alessandro Volta. Wara marret il-Muniċipju fejn daqqet l-Innu Ingliż, Taljan u ta' La Valette. Il-Banda nltaqgħet b'ċapċip minn kull fejn għaddiet.

Fis-siegħa ta' waranofsinhar beda l-konkors tal-Esekuzzjoni fit-Teatro Sociale li fih ħadu sehem il-Baned tal-Categoria Superiore - Eccellenza, Prima Categoria u Seconda Categoria. Il-banda La Valette ħadet sehem fil-Kategorija Superiore-Eccellenza fejn daqqew ir-Ridda Infernale tal-Opra Asrael ta' Franchetti li ntgħażlet mill-ġurija flimkien mal-Preludio tal-Maestri Cantori ta' Wagner. Min-naħa tagħha l-banda King's Own daqqet is-Sinfonija Malta ta' Paolino Vassallo kif ukoll ir-Ridda Infernale.

Il-Ħadd 28 ta' Awwissu fit-8.00am infetaħ il-Konkors tal-Unur fl-istess Teatru. Bdew il-Baned tas-Seconda Categoria u wara tal-Prima Categoria. Fil-11.30am beda l-konkors tal-Catergoria Superiore-Eccellenza fejn il-banda King's Own daqqet is-Sinfonija Struensee ta' Meyerbeer filwaqt li l-Banda La Valette daqqet il-Marcia Funebre tal-Opra Il Crepuscolo degli Dei ta' Wagner.

Filgħaxija l-banda daqqet programm sabiħ fil-Villa Olmo.

Għall-ħabta tad-9.00pm sar il-Kunċert Finali fl-istadium li kien miksi bin-nies. F'dan il-kunċert finali kellu jitħabbar il-verdett finali tal-Ġurija. Il-banda daqqet il-primo u secondo tempo tal-Quinta Sinfonia ta' Beethoven. L-esekuzzjoni perfetta tal-Quinta Sinfonia ntlaqħet b'applawsi kbar u b'għajjat ta' "bravi, bravi". Wara l-banda daqqet l-Innu Ingliż, Taljan, Giovinezza u spiċċat bl-innu tal-banda li tant intgħoġob li kważi l-poplu kollu beda jkanta mal-banda.

Hekk kif spiċċa l-kunċert, mill-gallerija tal-istadium inqara l-verdett finali tal-Ġurija, verdett li kulħadd kien qed jistenna b'ansjetà.

# Food Intolerance Test

**Bloating? Stomach pain?
Weight control problems?
Headaches?**



Health & Beauty by Brown's offers a Food intolerance test that **cover 57 of the most common food intolerances** with just one drop of blood using a simple finger prick test.

Learn more about this test by visiting any Brown's outlet or sending an email to customercare@brownspharmacy.eu

Health & Beauty by brown's

/BrownsPharma | www.brownspharmacy.eu

L-ewwel inqara l-verdett tas-Seconda Categoria u imbagħad tal-Prima Categoria. Fl-aħħar inqara l-verdett tal-Categoria Superiore Eccellenza li kien dan:

KONKORS TAL-LETTURA A PRIMA VISTA
L-ewwel premju ma ġie mogħti lil ħadd.
It-tieni Premju lill-Filarmonica "La Valette" ta' Malta: medalja tad-deheb tal-Fr. Uff. Stucchi.
It-tielet premju lill-Banda "King's Own" ta' Malta: medalja tal-vermeil kbira tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Como.

KONKORS TAL-ESEKUZZJONI
L-ewwel premju lill-Filarmonica "La Valette" ta' Malta: tazza tal-fidda tal-Komm. Carlo Bianchi
It-tieni Premju lill-Banda "King's Own" ta' Malta: medalja tal-vermeil kbira tal-Komm. Stucchi.

KONKORS TAL-UNUR
L-ewwel premju lill-Filarmonica "La Valette" u lill-Banda "King's Own" ta' Malta (pari merito) u jieħdu L.8000 kull waħda.
Premju tad-Direzzjoni lis-Surmast Cav. Cardenio Botti tal-Filarmonica "La Valette", skont art.26 tar-regolamenti tal-konkors: midalja tad-deheb tad-Dar Editrici Musicali G. Ricordi e Co.

Diffiċli wieħed jiddeskrivi l-ferħ tal-bandisti u tal-partitarji ta' La Valette hekk kif semgħu jinqara dan il-verdett kif ukoll mill-pubbliku preżenti.

Il-Banda wara ħarġet mill-istadium imdawra b'għadd kbir ta' nies u baqgħet sejra dritt Piazza Cavour fejn daqqet l-Innu Ingliż, Taljan, Giovinezza u l-Innu La Valette. Wara mbagħad immarċjat lura lejn il-lukanda fost briju kbir.

L-għada filgħodu l-banda telqet lejn Milan fejn filgħaxija tat kunċert fi Piazza della Scala li attendew għalih għoxrin elf ruħ. Wara l-banda telqet lejn Ruma.

Fil-31 ta' Awwissu l-banda esegwiet programm fil-pjazza tal-Pincio. Fl-1 ta' Settembru l-banda attendiet għall-Udjenza tal-Banda mal-Papa Piju XI. Il-Banda flimkien mad-Direttur u l-membri tal-kumitat intlaqgħu fis-sala tal-udjenzi, il-bandisti li kienu lebsin l-uniformi, il-membri u s-Surmast Botti sellmulu waqt li b'sinjal ta' rispett, niżlu għarkubbtejhom. Wara xi membri tal-kumitat żaru lill-Ambaxxatur Ingliż f'Ruma.

Hekk kif waslet Malta fit-3 ta' Settembru filgħodu l-banda ntlaqgħet minn folla kbira li tathom merħba. Wara li niżlu l-art il-bandisti telgħu bil-karozzi sal-Każin fost id-delirju tal-partitarji, iċ-ċapċip, tixjir tal-bnadar u tfigħ tal-fjuri. Fil-każin sar riċeviment kbir fejn kien hemm preżenti l-Vigarju u għaqdiet kulturali u artistiċi u s-soċi kollha.

*Tagħrif miġbur mill-ktieb "La Valette" - 100 sena ta' storja tal-Kan. John Ciarlò*



*Il-Banda quddiem il-Vatikan wara l-Konkors ta' Como*

# LUCIANO

RESTAURANT · CETTINA CAFÉ · LOUNGE BAR

BOUTIQUE ACCOMMODATION


21, 22 MERCHANT STREET,
VALLETTA
TEL: 21236212



le Bande di recente formazione o comunque
non sufficientemente preparate a gare internazionali,
ad astenersi nel proprio interesse da esibizioni per
nulla giovevoli. Invita infine i Direttori a non
dimenticare troppo spesso, come hanno fatto alcuni,
la nostra letteratura classica e moderna, che appunto
perché nostra può servire meglio di ogni altra
a giustificare l'esistenza delle bande, organismi
di sana divulgazione fra le masse popolari.

Il Presidente Armando Seppilli

Giovanni Pennacchio

A. Amadei

Arrigo Cappelletti

Il Segretario Michelangelo Abbado

*Parti mir-rapport tal-Ġurija tal-Konkors ta' Como*




*Il-faċċata tal-Każin turi r-riżultat tal-Konkors ta' Como*




www.hotelcastillemalta.com

CASA LAPIRA
LIVING

239, St. Ursula Street, Valletta
info@casalapira.com | www.casalapira.com | +356 9944 6146



*Il-Premju għall-eżekuzzjoni fil-Konkors ta' Como*




*Iċ-ċekk ta' L.8000 li ħadet is-Società li kien il-Premju tal-Konkors tal-Unur*


Royalty
Bedding & More
www.royaltybedding.com
Triq il-Kummerc, Qormi, Malta
+356 2144 9253
info@royaltybedding.com

# Mro Cardenio Botti

*Tagħrif miġbur minn Carl Farrugia*



*Mro Cardenio Botti*

Maestro Cardenio Botti twieled fl-1890 f'Magliano Sabino, l-Italja. Ta' tnax-il sena huwa kien ikanta fl-iSchola Cantorum tal-Kulleġġ Gregorjan. 'Il quddiem, imħajjar mis-Surmast Perosi huwa ssieħeb fil-Cappella Sistina bħala sopran solista. Kien l-istess Perosi li miċ-ċokon tiegħu għaraf il-kapaċitajiet mużikali tiegħu u bdielu l-istudju tal-armonija.

Meta kiber mar jistudja l-mużika fil-Conservatorio Musicale Santa Cecilia ta' Ruma. F'dan il-Conservatorio huwa tgħallem l-istrumentazzjoni taħt Vessella u l-kompożizzjoni taħt Dobici. Wara li ggradwa huwa beda jidderieġi xogħlijiet ta' kompożituri kbar, fosthom il-famuża Requiem ta' Giuseppe Verdi, li mmeritawlu l-akklamazzjoni ta' ħafna mill-kritiċi ta' gazzetti Taljani.

Wara li rebaħ konkors nazzjonali, huwa laħaq Surmast-Direttur tal-Banda Militari ta' Bologna. Wara l-gwerra, huwa dderieġa diversi kunċerti fl-aktar teatri importanti fl-Italja u kkompona ħafna mużika.



Il Maestro Cardenio Botti che oggi si presenta al pubblico Maltese per la prima volta, giunge da Roma, ove—nel Regio Liceo Musicale di S. Cecilia—compì giovanissimo i suoi studi. Allievo prediletto del Vessella per la Banda, del Dobici per la Composizione e del Fattorini per il Violino, il Botti è noto come Compositore, Direttore e Critico Musicale. A 23 anni vinse per concorso il posto di Direttore della Musica Militare di Bologna. A Roma ha di recente riportato importanti successi dirigendo grandiosi concerti sinfonici e spettacoli d'opera. A lui è stata definitivamente affidata la direzione artistica della Società Filarmonica La Vallette. L'impresa del Teatro Reale, che da quest'anno—come da convenzione col Governo—istituisce i Concerti Sinfonici, lo ha scritturato oltre che per la Direzione dei medesimi anche per la Direzione di alcune Opere.

GIARDINI ARGOTTI

MALTA - 24 GIUGNO 1923 - ORE 6 P.M.

PRIMO CONCERTO

DELLA

FILARMONICA "LA VALLETTE"

DIRETTO DAL MAESTRO

CARDENIO BOTTI

1. VESSELLA — CORTEO NUZIALE
2. ROSSINI — GAZZA LADRA — Sinfonia
3. MASCAGNI — GUGLIELMO RATCLIFF — Sogno; AMICO FRITZ — Intermezzo
4. GIORDANO — ANDREA CHENIER — Fantasia
5. CHOPIN — NOTTURNO in Do minore (op. 48, n. 1); POLACCA in La b. (op. 53)
6. WAGNER — I MAESTRI CANTORI — Ouverture

*Kopja tal-Programm tad-debutt tas-Surmast Cardenio Botti li sar fil-Ġonna tal-Argotti*

# VECCHIA NAPOLI
TRATTORIA E PIZZERIA

AUTENTICO • FORNO A LEGNA •



## LA CASA DEL *Capo Di Monte*
## MALTA'S FAVOURITE PIZZA

2122 2031
Is-Suq, Valletta

2125 5555
Salini Resort, Salina

2134 3434
Tower Road, Sliema

2180 3303
SkyParks Business Centre, Luqa

2180 3300
Dawret Il-Qawra, Qawra, 21

www.vecchianapoli.com

F'ittra li kiteb lill-Kumitat, is-Surmast Botti kiteb li kien lest li jiġi Malta biex jidderieġi l-Filarmonica La Valette bis-salarju ta' Lm30 u li kien lest li jissottometti ruħu għal xahrejn prova qabel il-kuntratt definittiv. Min-naħa tiegħu l-Kumitat bagħat li kien lest li joffrilu Lm20 fix-xahar. Biex jagħmlu tajjeb għal dan is-soċi ntrabtu li joħorġu lira kull wieħed fix-xahar.

Fis-Seduta tal-Kumitat tas-27 ta' April 1923 l-Onor. Dr. Ugo P. Mifsud, il-President tas-Soċjetà introduċa lill-membri tal-kumitat is-Surmast il-ġdid Mro Cardenio Botti. Huwa tenna li huwa kien ċert li fl-aħħar is-Società kienet akkwistat is-Surmast li tant kienet ilha tixtieq. Wara tkellem Mro Cardenio Botti li rringrazzja lill-Kumitat u qal li kien telaq minn Ruma b'għajnejh magħluqa wara r-rakkomandazzjoni li kien għamillu Mro. Vessella. Huwa qal li ġie Malta bil-ħsieb li jaqdi missjoni – dik li jipprova jmexxi 'l quddiem l-edukazzjoni mużikali.

Mill-bidu tal-ħidma tiegħu fis-Società l-Mro Botti nsista fuq il-bżonn ta' dixxiplina u l-istudju metodiku u serju tal-mużika. Huwa kien tal-fehma li l-banda tagħmel progress mhux billi tagħmel programmi iżda bi studju metodiku tal-bandisti li kienu neqsin minnu. Huwa għalhekk iddeċieda li jibda jagħti lezzjoni kull ġimgħa tas-solfeġġ u jieħu f'idejh l-allievi żgħażagħ li kienu għadhom jibdew idoqqu. Ma damx wisq biex għarraf lill-Kumitat bir-riforma li xtaq jagħmel u talbu biex jiffomula statut ġdid għall-banda. Il-banda akkwistat ukoll is-servizz tal-magħruf kornettista Prof. R. Caffarelli tat-Teatru Rjal li beda jgħallem il-klassi tar-ram u talab ukoll biex issir riforma finanzjarja tal-banda. Bis-saħħa tiegħu introduċa wkoll uniformi ġdida tax-xitwa għall-banda li kienet ilha 22 sena ma tinbidel u l-bandisti bdew jirċievu ħlas tas-servizz bandistiku li jagħmlu.

Id-debutt tas-Surmast Botti wasal fl-24 ta' Ġunju 1923 waqt fiera li saret fl-Argotti. Huwa xtaq li jagħmel id-debutt tiegħu fit-Teatru Rjal iżda minħabba s-sħana l-kumitat ma qabilx.

Wara d-debutt tiegħu, Mro Botti ntefa' b'ruħu u ġismu biex isaħħaħ il-Banda u jħejjiha tajjeb għall-impenn mużikali li kien hemm imħejjijin għalih. Kien fl-ewwel xhur tiegħu f'pajjiżna li s-Surmast Botti ħaseb biex jagħti lis-Società l-innu magħruf bħala l-Innu immortali La Valette. Dan l-innu ndaqq għall-ewwel darba fid-9 ta' Settembru 1923 fejn il-ġurnal Malta Tagħna li tgħid li dan l-innu huwa "patrijottiku u jkun jista' jitkanta mill-poplu kollu".



*Botti flimkien mal-banda fl-1925*


BPLUS
by BALDOCER
240X120 cm / 94,48"X47,24"
MRCD
KARMENU CAMILLERI STREET, QORMI | TEL: 2146 8770/1/3
NAXXAR ROAD, LIJA | TEL:2141 3132
DUN KARM STREET, IKLIN | TEL: 2141 8775
E: info@mrcd.com.mt W: www.mrcd.com.mt
QORMI: MON-FRI 8.30am-7pm SAT 9am-1pm

Mro Botti waqqaf l-Iskola Mużikali La Valette li kienet bla ħlas. Minn din l-iskola ħarġu mużiċisti Maltin ta' fama u li tista' tgħid li kollha saru surmastrijiet ta' baned differenti u li bla dubju mxew fuq it-tagħlim u l-eżempju tiegħu

Mro Botti kkompona diversi marċi fosthom il-"Marcia San Paolo", "Marcia San Paolo No.5", "Fior del Carmelo" u l-Innu tal-Banda Ċittadina Sliema.



*Id-Diplomi ta' Mro Botti*

Mro Cardenio Botti dam jidderieġi l-banda għal aktar minn 22 sena sħaħ bl-akbar abbiltà, għaqal u dixxiplina u wassalha biex tikseb tant suċċessi u rebħiet, minħabba l-qagħda mwiegħra politika internazzjonali wara li l-Italja Faxxista bdiet ixxaqleb lejn in-Nażiżmu ta' Hitler u s-sħab iswed tal-gwerra kien diġà qiegħed fuq ix-xefaq, kellu kontra qalbu fl-1935 jħalli d-direzzjoni tal-Filarmonika. Lura fl-Italja huwa ngħata l-kariga ta' Direttur Mużikali tat-Teatro Felice ta' Genova u aktar 'il quddiem tat-Teatru Massimo ta' Palermo.

Is-Società Filarmonica Nazionale La Valette ma nsietu qatt lil Mro Cardenio Botti u baqgħet f'kuntatt miegħu u talbitu pariri meta kien hemm bżonn.

Taħt id-direzzjoni ta' Mro Botti fl-1926 l-banda marret il-banda marret Tuneż, Palermo u Messina, Catania u Bona kif ukoll fil-konkors Internazzjonali ta' Como fl-1927.

Fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mir-rebħa ta' Como f'Settembru 1947 il-kumitat bagħat lil Maestro Cardenio Botti distintiv tad-deheb tas-Società bħala turija ta' gratitudni tas-Società għas-sehem kbir tiegħu f'din ir-rebħa.

Fl-1962 huwa żar Malta u ngħata merħba kbira mill-membri tal-Kumitat u s-Soċi.

Maestro Botti miet f'Ruma f'Ġunju tal-1973 fl-età ta' 83 sena.

*Tagħrif miġbur mill-ktieb "La Valette" - 100 sena ta' storja tal-Kan. John Ciarlò*



*Is-Surmast Botti flimkien mas-Surmast Pappalardo*


SAVING OUR
BLUE
I PLEDGE
1
to never take a plastic bottle when going to the beach or a natural park/area – only carry a re-usable one
2
to say no to plastic bags in supermarkets and take away establishments
3
to say no to plastic cups and plastic straws when consuming beverages at entertainment places
4
to separate at source and appropriately recycle plastic items consumed
5
To choose reusable or biodegradable cutlery and plates over plastic
6
to opt for no packaging when possible when shopping
7
to dispose of chemicals and unused medicines properly – NOT IN THE DRAINAGE SYSTEM
8
to avoid cosmetics that contain microbeads
9
to always dispose properly of my cigarette butts – no litter
10
to pick up and throw in bins littered items



*Mro Cardenio Botti milqugħ mis-soċi fil-Każin*



*Mro Botti mal-Prim Ministru u President tas-Società George Borg Olivier*




**Thinking of organising a private party or small event?**

Get in touch with us and we will help you organise the perfect event at the Asti Brasserie.

We also have live music every Friday and Saturday from 7:30pm onwards, so why not join us for a great night out.

**A:** 18, St Ursola Street, Valletta

**M:** +356 7959 4790
+356 7959 4784

**E:** casaasti@outlook.com
**W:** casaastimalta.com

# Lancet Salon

## Barber Shop

**by Malcolm – St John Street, Valletta**

Mob: 79444057

# Inno La Valette

*Tagħrif miġbur mis-Sur Charles Mangion*

Il-Fundatur tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette hu Paolo Darmanin (19 ta' Ottubru 1874,) bl-ewwel surmast ikun Luigi Carabott 1874-1877. It-tieni surmast Mro Emmanuele Bartoli (1877 - 1885) ma jidhirx li ħalla xi kompożizzjonijiet iżda fl-arkivju nsibu l-ewwel "Innu La Valette" kitba tiegħu li l-aħħar li ndaqq mill-Banda kien fil-140 Annivesarju tas-Società. Fl-istess ħin qed niċċelebraw ukoll it-92 anniversarju tar-rebħa fil-Konkors Internazzjonli ta' Como fl-1927.

Ma tistax issemmi 'l Como u tħalli barra lil Cardenio Botti (1923 - 1935). Meta l-Banda sfat bla surmast permanenti fl-1923, Mro Vessella, li kellu rabtiet ma' La Valette, wiegħed lill-kumitat li meta jmur lura l-Italja jieħu ħsieb hu li jibgħatilhom surmast den tal-Banda La Valette. Żamm kelmtu u fis-seduta tas-27 ta' April 1923, il-President, Sir Ugo Mifsud introduċa lil Mro Botti bħala s-surmast il-ġdid. Mill-ewwel, Botti medd idu għax-xogħol biex ikompli jtejjeb il-progress li ġa kienet għamlet il-Banda La Valette. Id-debutt tiegħu sar fl-24 ta' Ġunju waqt Fiera fil-Ġonna tal-Argotti. Botti kkompona numru żgħir ta' biċċiet mużikali u numru akbar ta' marċi ferrieħa; li ħafna minnhom għadna nsibuhom fl-arkivju tagħna. Fost dawn il-marċi nsibu numru bl-isem San Paolo u s-sena meta ndaqq. Jidher li kien jikteb marċ tajjeb kull sena, iżda l-kapolavuri marċiski tiegħu kienu u għadhom San Paolo numru 5; magħruf bil-Letter A, l-Inno Marcia San Paolo u l-aħħar imma mhux lanqas I-Inno La Valette, Ii tiegħu kiteb il-mużika u l-kliem. Xi kritiċi sejħulu Inno Immortale La Valette.

II-ġurnal MALTA TAGĦNA jgħarrafna, "Għall-Festi Nazzjonali li se jsiru fis-7 u t-8 ta' Settembru fl-Isla u fil-Belt Valletta, l-imfaħħra Banda Ċittadina "La Valette" taħt id-direzzjoni tas-Surmast ġdid tagħha Cardenio Botti, se tesegwixxi 18-il biċċa sinfonika u barra minn dawn, din il-Primarja Banda għandha ddoqq għall-ewwel darba Inno Nazionale La Valette ġdid, mużika u versi tal-wisq abbli Cardenio Botti li aħna se nġibu t-traduzzjoni bil-Malti biex ikun Innu Patrijottiku u jkun jista' jitkanta mill-poplu kollu.



*Il-Banda f'Ruma fl-1927*

Sa mindu ndaqq l-ewwel darba, l-Innu ntlaqa' tajjeb u b'entużjażmu. Fil-fatt aktar ma beda jindaqq aktar sar popolari kif baqa' u għadu sal-lum jimla b'entużjażmu lil kulħadd bin-noti brijużi tiegħu, tant li x'aktarx tintalab il-bis. Wieħed irid jgħid ukoll li l-popolarità tal-Innu qabżet ukoll ix-xtut tagħna speċjalment fost il-Maltin ta' Tuneż, l-Eġittu u Bona. F'dawn il-pajjiżi kien intbagħat għadd sabiħ ta' diski bil-gramaphone bl-INNU LA VALETTE u jingħad li ma kienx hemm familja Maltija li ma kellhiex diska ta' dan l-Innu.

Kif għadu jiftakar tajjeb Mro Paul Arnaud, "Dan l-Innu kien għal qalb Botti. Botti kien jieħu interess kbir u juri premura speċjali biex jgħallem hu stess lit-tfal li kienu jressqulu biex ikantaw I-Innu. Kull darba Ii kien jindaqq u jitkanta l-Innu, qabel ma jibda l-Innu, kien iħobb idur fuq is-Sur Vidal, li kien imexxi t-tfal waqt il-kant, biex jiżgura ruħhu li t-tfal kienu attenti biex jibdew ikantaw. Hekk kif jibda l-Innu, kien idur fuqhom biex jidderiġhom. Kien tant jidħol fl-ispirtu tal Innu, li hu stess kien jibda jkanta mat-tfal u jistieden il-folla biex ikantaw magħhom. Ta' min jgħid li l-Innu La Valette kien tant sar popolari li l-ammiraturi tal-Banda kienu jafu l-kliem tiegħu bl-amment."

*Informazzjoni mill-ktieb "La Valette" -100 sena ta' storja tal-Kan. John Ciarlò*

UC LTD
UNIVERSAL CEMENT

UC LTD
UNIVERSAL CEMENT

UC LTD
UNIVERSAL CEMENT

UC LTD
UNIVERSAL CEMENT

T: (+356) 21 80 22 22
F: (+356) 21 80 11 22
E: ucmail@cement.com.mt


RégimA SpaZone
PRODUCTS THAT CHANGE LIVES
PHENOMENAL SKIN
ANTI-AGEING TECHNOLOGY
Experience Immediate Action
+ Continued Improvement
Of The Skin Surface – FACE + BODY
"SECOND SKIN"
• Lifting Tensor Efficacy
• Promptly Smooths The Skin
• Visibly Minimizes Wrinkles
• More Radiant Complexion
• Fights Cellulite - Slimming - Sculpting
• Prevents Penetration Of Harmful Pollutants
TARGET CELLULITE
SLIMMING SCULPTING SOLUTION
OVERNIGHT REGENERATIVE + FIRMING
NECK + BREAST
MARINE REPLENISHING
INSTANT FACIAL LIFTING
GREEN DESIGN
INTER-PENETRATING BIOPOLYMER




QUEEN VICTORIA

CITY PUB

SOUTH STREET VALLETTA

# FOOD ⚜ ALES ⚜ BEERS
# WINES & SPIRITS
# COCKTAILS

SOUTH STREET VALLETTA



FILARMONICA NAZIONALE
LA VALETTE
VINCITRICE MASSIME ONORIFICENZE
CONCORSO INTERNAZIONALE DI COMO
27 E 28 AGOSTO 1927
CATEGORIA SUPERIORE
"ECCELLENZA"
VERDETTO DELLA GIURIA
LETTURA A VISTA
1° PREMIO NON ASSEGNATO
2° PREMIO LAVALETTE — 3° PREMIO KINGS OWN
CONCORSO D'ESECUZIONE
1° PREMIO LAVALETTE — 2° PREMIO KINGS OWN
CONCORSO D'ONORE
1° PREMIO LAVALETTE — 1° PREMIO "KINGS OWN"
PARI MERITO
PREMIO DI DIREZIONE
GRANDE MEDAGLIA D'ORO
AL
MRO C. BOTTI

# Programm -

**VERDIANA**
**(Arranġament Mro. Dominic Darmanin)**

**QUESTA O QUELLA**
**(Rigoletto)**

**TACEA LA NOTTE PLACIDA**
**(Il Trovatore)**

**MISERERE**
**(Il Trovatore)**

**GLORIA ALL' EGITTO**
**(Aida)**

**CELESTE AIDA**
**(Aida)**

**RITORNA VINCITOR**
**(Aida)**

**PRELUDIO**
**(La Traviata)**

**PARIGI O CARA**
**(La Traviata)**

**INTERVALL**



# Omaggio a Giuseppe Verdi

**SINFONIA**
**(Nabucco)**

**LA VERGINE DEGLI ANGELI**
**(La Forza Del Destino)**

**DI QUELLA PIRA**
**(Il Trovatore)**

**CORO DI SCHIAVI EBREI**
**(Nabucco)**

**PACE, PACE, MIO DIO**
**(La Forza Del Destino)**

**LA DONNA È MOBILE**
**(Rigoletto)**

**BRINDISI**
**(La Traviata)**

**SIAM DE LA VALETTE**
**(Mro. Cardenio Botti)**

**INNU MALTI**
**(Kliem: Dun Karm Psaila, Mużika: Mro. Robert Samut)**

**Preżentazzjoni: Mario Micallef**
**Direzzjoni Televiżiva: Godfrey Smith**

Buffalo Bill's

COL. W.F. CODY, BUFFALO BILL

STEAK HOUSE

**Valletta**
Tel : 2122 8144

**Portomaso**
Tel : 2138 9290












*Il-Midalji tad-deheb li ntrebħu f'Como u l-bakketta li mexxa biha l-banda l-Mro Botti*

Convenience Shop
10 Years





**All you need is**
**The Convenience Shop**

Open From 6am Till Late | Everyday Including Public Holidays


Lourdes
Opticians
FREE
EYE TEST
with every purchase
of a new frame
Naxxar Road, San Gwann
Tel: 21 381 226

# Assikura
INSURANCE BROKERS LTD.



## SECURE WITH US... YOUR PEACE OF MIND

**Assikura Insurance Brokers Ltd. Old Railway Track, Santa Venera SVR 9017, Malta**
**T: (+356) 2149 0709 E: assikura@assikura.com www.facebook.com/assikurabrokers**

Assikura Insurance Brokers (C-28074) is enrolled under the Insurance Distribution Act (Chapter 487) of the Laws of Malta to carry on business of Insurance Broking and is licensed and regulated by the Malta Financial Services Authority (MFSA) of Notabile Road Attard BKR3000 Malta.

www.assikura.com

# LA VALLETTE

## INNO

Siam della Vallette!
Siam della Vallette!

Canto e amore
Fede in cuore
È il nostro grido,
È il nostro invito;

Tutti stringiamo
la nostra stella
pel bene santo
dell' Isola bella.

Siam della Vallette!
Siam della Vallette!
Canto e amore
Fede in cuor.

Malta, sei la Madre a noi più cara;
Malta, sei la nostra primavera,
Bella, solitaria e in forza rara,
Sole t' infonde ardor
Benedetta dal cielo
Che ti diede gloria e onor.

CARDENIO BOTTI

# La Vallette

## - INNO -

*Parole e Musica di*
CARDENIO BOTTI






Copyright by F. BONGIOVANNI


Mal ta, sei la Ma - dre a noi più ca - - ra
Mal - ta! sei la no - stra pri - ma - ve - -
m.d.
marcato
- ra Bel - la, so - li - ta - ria e in for - za
ra - - - ra So - le t'in - fon - de ar - dor Bene -
m.d.
- det - ta dal Cie - lo Che ti die - de glo - ria e onor.








RAMLA BAY RESORT
★ ★ ★ ★

CONTACT US

(+356) 2281 2281
Triq Ir-Ramla, Marfa, L/O Mellieha, MLH7100, Malta
salesdepartment@ramlabayresort.com
www.ramlabayresort.com

# INNU LA VALETTE

Aħna ta' La Valette!
Aħna ta' La Valette!

Kant qima u talb
Fidi fil-qalb
Hienja u ferħana,
Tkun l-għajta tagħna;

Lkoll nitħaddnu
Bi ħlewwa kbira
Għall-ġid imqaddes
Ta' din il-gżira.

Aħna ta' La Valette!
Aħna ta' La Valette!
Kant qima u talb
Fidi fil-qalb

Malta, l-omm ta' mħabba l-aktar rari;
Malta, minnek nafu l-qawmien tagħna,
Sbejħa, hiemda u b'saħħa singolari,
Blatek ix-xemx iżur
Is-sema għoġbu jbierkek
Imliek b'kull glorja u unur.

CARDENIO BOTTI


E. THEUMA & COMPANY LTD.
Miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mit-8.30a.m. sal- 5.00p.m.
Is-Sibt mid-9.00a.m. sa 12.00p.m.
Xogħol artistiku fil-bronż, irħam, injam u fidda
Theuma House. 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213
Tel: 21234075 / 21236605 Fax: 21244201
Email: info@etheuma.com www.etheuma.com


ISSOLVILEK IL-PROBLEMA TAL-ĦAMIEM
Ma jħallix il-ħamiem ipoġġi.
Sempliċi biex jitwaħħal: jew bil-kolla, jew bil-viti, jew bl-imsiemer
Magħmul minn vireg tal-'istainless steel' u 'UV stabilised polycarbonate plastic'.
Effettiv u rħis.
L-istess sistema intużat f'bosta postijiet pubbliċi u f'Bereġ u Bini Storiku ieħor.
PLUS MALIN QUE LUI
ECOPIC
E. THEUMA & COMPANY LTD.
Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213
Tel: 21234075 / 21236605 Fax: 21244201
Email: info@etheuma.com www.etheuma.com

# Kaludi Kaludov



Kaludi Kaludov twieled fil-15 ta' Marzu 1953 f'Karavelovo, il-Bulgarija. Huwa ggradwa mill-Akkademja Mużikali ta' Sofia taħt it-tmexxija ta' Liljana Zhablenska. Huwa rebaħ diversi kompetizzjonijiet f'Sofia, Genoa, Ateni u Moska.

Id-debutt tiegħu kien fil-karattru ta' Alfredo fit-Traviata fi Plovdiv fil-Bulgarija u ġie mfaħħar għad-Do għoljin u l-preżenza tiegħu fuq il-palk. F'Diċembru tal-1978 nħatar solist tal-Sofia National Opera. Minn hemm huwa ħa sehem f'diversi rwoli li sawru r-repertorju tas-Solista fosthom Id-Duka ta' Mantua minn Rigoletto ta' Verdi, Nadir minn Les pêcheurs de perles ta' Bizet, Rudolf minn La Boheme ta' Puccini, Nemorino minn L'elisir d'amore ta' Donizetti, Tamino minn The Magic Flute ta' Mozart, Don Carlos mill-opra bl-istess isem u ħafna oħrajn.

Il-karriera internazzjonali tiegħu bdiet fl-1984 bir-Requiem ta' Verdi f'Londra u r-rwol ta' Foresto minn Attila ta' Verdi fi Vjenna. Huwa kien mistieden jieħu sehem minn diversi kumpaniji tal-opra kbar f'teatri internazzjonali fosthom f'Berlin, Munich, Vjenna, Franza, il-Belġju, Londra, Madrid u La Scala ta' Milan. Huwa kanta fl-Amerika t'Isfel u l-Ġappun kif ukoll fil-Houston Grand u Chicago Lyric Opera. Fl-1985 huwa kanta fl-irwol ta' Dimitri (Boris Godunov) fil-Lyric Opera ta' Chicago u fl-istess rwol fi Houston fl-1996. Fl-1992 ħa sehem fir-Requiem ta' Verdi fi Houston taħt it-tmexxija ta' Christoph Eschenbach u f'The Bells ta' Rachmainoff f'Phildelphia taħt Charles Dutoit. F'Novembru tal-1994 f'San Francisco taħt id-direzzjoni ta' Vacne George f'The Bells u fl-1991 f'Montréal fil-Glagloithic Mass.

Zubin Mehta stiednu bħala Radames f'kunċerti tal-Aida mal-Filarmonika ta' Iżrael. Mill-1994 Kaludov huwa mistieden regolari u t-tenur prinċipali fis-Savonlinna Opera Festiva fil-Fillandja. Huwa żied ir-repertorju tiegħu bil-karattri ta' Radames, Turidu, Cavaradossi, Andrea Chenier, Eric, Canio u oħrajn.

It-tenur ikkollabora ma' diversi artisti internazzzjonali fosthom Mirella Freni, Cheryl Studer, Placido Domingo, Piero Capuccili, Nicolai Ghiaurov, Renato Bruson u Sherill Milnes u taħt id-direzzjoni ta' diversi surmastrijiet fosthom Claudio Abbado, Riccardo Muti u Fabio Luisi.

Mill-1992 huwa nħatar direttur artistiku tal-Festival ta' Cieszyn "Viva il Canto" fil-Polonja. Minn dak iż-żmien huwa beda wkoll jgħallem. Huwa ppublika diversi album taħt is-Sony Classic Label, Naxos u Decca.

# Archbishop Street, Valletta

# Opening Soon

# Anna Dytry



Anna Dytry twieldet il-Polonja u tgħallmet taħt Kaludi stess fin-New Bulgarian University ta' Sofia. Hija Solista fit-teatri ta' Plovdiv u Stara Zagora fil-Bulgarija. Hija wkoll iggradwat mill-Iskola tal-Mużika Primarja u Sekondarja fil-klassi tal-vjolin u kant.

Hija taħdem ukoll mat-teatri f'Varna, Ruse u Burgas. Hija ħadet sehem f'diversi festivals internazzjonali fosthom fi Cieszyn f'Viva il canto", f'Telemann, fil-Bansko Fest. Ħadet sehem f'diversi opri fil-Polonja, l-Awstrija, il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, l-Italja, is-Solvakkja u l-Brażil.

Ir-repertorju tagħha jinkludi rwoli mill-opri ta' Puccini: Tosca (Tosca), Mimi (La Boheme), Liu (Turandot), Cio-Cio-San (Madama Butterfly), Verdi: Elisabetta (DonCarlo), Leonora (Trubadur), Giulietta (Un Giorno di Regno), Bizet: Michaela (Carmen), Mozart: Countess (Le Nozze di Figaro), Donna Elvira (Don Giovanni), Offenbach: Giulietta (Tales of Hoffmann), Tchaikovsky: Tatiana (Eugeniusz Onin), Jolanta (Jolanta) u oħrajn.

Dytry kantat waqt l-udjenza tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Vatikan (2006) u matul iċ-ċerimonja tal-premjijiet tat-teatru u l-film "Icarus 2010" f'Sofija. Fi Frar 2010, hija fetħet is-Sena Chopin fil-Bulgarija b'serje ta' kunċerti b'kant mill-kompożitur.




salon services

exclusively distributed to authorised therapists by salon services ltd

trade enquiries: salon services limited / telephone 21 449 236 / email info@salonsmalta.com / web www.salonsmalta.com

# Coro Bel Canto



Il-Coro Bel Canto ġie mwaqqaf minn Mro Hermann Farrugia Frantz fis-sena 2006. Prinċiparjament, dan il-kor ikanta mużika sagra u liturġika.

Il-Coro Bel Canto ikanta f'diversi Primi Messi, quddies f'okkażjonijiet speċjali, anniversarji, festi Nazzjonali u kunċerti ma' diversi baned, kif ukoll għal diversi drabi mal-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta u mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta. Dan il-kor qiegħed jiġi kkummissjonat ukoll minn diversi parroċċi sabiex janima bil-mużika diversi festi parrokkjali.

Fost il-ħafna kunċerti li għamel dan il-kor insemmu dawn li għamel mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta: Fl-2010, l-Oratorju Demm Fuq il-Verna mużika ta' Joseph Vella fuq versi ta' Patri Marjanu Vella, fl-2013 Revival Concert of Sacred Works by Ferdinando and Giuseppe Camilleri u fl-2014 l-Oratorju Marija fil-Qalb Maltija mużika ta' Hermann Farrugia Frantz fuq versi ta' Alfred Massa. F'April 2015, A Concert of Sacred Works by Carmelo Pace u f' Novembru tal-istess sena l-iStabat Mater ta' Euchar Gravina fil-kunċert tal-APS Bank. Fl-2016 l-Oratorio Canticum Vitae mużika ta' Hermann Farrugia Frantz versi mill-Bibbja miġbura minn Mons Lawrence Gatt.

Minbarra dawn l-impenji mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta ta' min insemmu meta fl-2007, il-Coro Bel Canto kanta r-Requiem ta' Gabriel Faure fis-Sagrestia Vault, Valletta Waterfront. Fl-2009 kanta l-premiere f'Malta tal-Oratorju Apostolo Delle Genti ta' Marco Frisina fil-Kon Katidral ta' San Ġwann. Fl-2010 il-Coro Bel Canto ġie mistieden ikanta f'quddiesa li ċċelebra l-Ministru ġenerali tal-Partrijiet Franġiskani Br. Josè Rodriguez Carballo OFM. Quddiesa li ċċelebrat it-tmien mitt sena mit-twaqqif tal-Ordni Franġiskana. Nhar is-7 t'April tal-2017 il-Coro Bel Canto ppreżenta kunċert fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann għall-Ministri tal-Finanzi tal-Ewropa, dan il-kunċert sar bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Malta fil-presidenza tal-Unjoni Ewropea.

Għas-snin li ġejjin dan il-kor għandu quddiemu diversi impenji li qiegħed iħares lejhom b'impenn u responsabbiltà.

Rosso

Pizza e Pasta

42, Republic Street,
Valletta
Mob: 79441410 - 99330144

# Mro Dominic Darmanin



Mro. Dominic Darmanin twieled il-Belt Valletta f'Mejju tal-1962. Beda l-istudji mużikali tiegħu fl-età ta' 9 snin fl-iskola tas-Sależjani St Patrick's f'Tas-Sliema u fl-iskola tal-mużika Johann Strauss. Tgħallem it-trumbun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anthony Zammit u aktar tard, taħt il-gwida ta' Mro. Paul Borg fejn akkwista tliet diplomi: ALCM, LLCM u FLCM. Studja l-armonija u l-kuntrapunt għand il-mibki Mro. Carmelo Pace u għand il-Profs. Charles Zammit fejn iggradwa bid-diploma A.Mus.LCM.

Ta' 15-il sena għamel l-ewwel dehra tiegħu bħala solista fuq it-trumbun fil-Casino Maltese. Fost l-esekuzzjonijiet mużikali tiegħu jissemma s-solo li esegwixxa fuq it-trumbun f'Novembru tal-1993 meta daqq il-kunċert għat-trumbun ta' Rimsky Korsakov mal-Banda La Valette.

Għallem f'diversi baned Maltin u Għawdxin sakemm fl-1993 inħatar Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan. Huwa waqqaf il-Pinto Brass Band kif ukoll inawgura l-ewwel sensiela ta' Kunċerti Sinfoniċi. Huwa wkoll il-fundatur tal-ewwel kwartett tat-trumbuni f'Malta bl-istem ta' The Four Tenors. Ħadem għal seba' snin bħala mużiċist mal-Orkestra tat-Teatru Manoel. Huwa membru mal-Versatile Brass u dik li kienet il-Freddie Mizzi Big band. Kompożitur ta' diversi marċi għall-banda kemm brijużi u kemm funebri. Kiteb ukoll sensiela ta' xogħlijiet klassiċi għall-banda.

Fl-1 ta' Jannar 2008 inħatar Surmast Direttur tas-Soċietà Filarmonika Nazionale La Valette wara li għamel 29 sena bħala mużiċist tal-banda La Valette.

Għandu żewġ itfal u preżentament huwa għalliem tal-Mużika, tal-Edukazzjoni Fiżika u tal-Matematika fl-iskola tas-Salesjani St Patrick's.

# Eddie's Cafe Regina




## A Snack in the Heart of the City

The open-air Restaurant in the centre of Valletta. We specialise in Maltese Food, fresh local fish, pizza and steaks. We offer a large selection of snacks, Coffee and ice-cream specialties. Seating is either open-air or inside in our fully air-conditioned restaurant.

## Open at 9.00-22.00

Republic Square, Valletta. VLT04 - Malta
Tel: 2124 6454

# Verdiana

Il-Kompożitur Taljan Giuseppe Verdi kiteb diversi opri matul ħajtu b'uħud minnhom li għadhom jissemmew u jagħmlu suċċess sal-lum fosthom l-Aida, Il Trovatore, La Traviata u Rigoletto fosthom oħrajn. Huwa kiteb ukoll numru ta' siltiet ta' mużika sagra fosthom il Missa da Requiem li kitibha għall-memorja ta' Alessandro Manzoni għal erba' vuċijiet, kor u orkestra, is-silta Libera Me għall-Messa di Rossini li nkitbet flimkien ma' kompożituri oħra kif ukoll siltiet oħra fosthom Ave Maria, Stabat Mater u t-Te Deum.

Din is-silta bl-isem Verdiana b'arraġament tas-Surmast tal-Banda La Valette Mro Dominic Darmanin fejn laqqa' flimkien diversi melodiji ta' dan il-Kompożitur Taljan. Fost is-siltiet li se nisimgħu huma mill-opra Il Trovatore, I Vespri Siciliani, La Traviata, Aida, Rigoletto kif ukoll id-Dies Irae mill-Missa da Requiem.





# Discover Rampila!

Rampila

Restaurant
Wine Bar
Terrace
Exhibition



Rampila has a wonderful historic vaulted tunnel dining room leading to the most beautiful terrace on the Valletta bastions with stunning views overlooking City Gate Bridge.

We are proud of our kitchen which is open for lunch and dinner. The menu includes Maltese and Mediterranean dishes.

We have a full bar service and an excellent choice of wines at our exquisite wine bar.

*Please come along and join us!*




Rampila Restaurant, 1, St. John's Cavalier Street, Valletta
For reservations call (+356) 9944 1120, (+356) 2122 6625 info@rampila.com www.rampila.com

# La Traviata

Preludju qasir jibda b'melodija ħelwa li tindika s-saħħa fraġili ta' Violetta u jkompli bit-tema tal-Imħabba bejn il-protoganisti sakemm jitla' s-siparju u nlestu għall-briju tal-Brindisi.

**L-Ewwel Att**

*Is-salon fid-dar ta' Violetta*

Violetta, prostituta sinjura, tagħti party kbir biex tiċċelebra l-fejqan minn marda. Il-Viskonti Gastone jintroduċi lil Alfredo u jgħidilha li kien żagħżugħ sinjur mill-kampanja u li tant kien iħobbha li kien jiġi jżurha kuljum waqt li kienet marida.

Il-Baruni Douphal jakkompanja 'l Violetta fis-sala tal-ballu, jintalab jipproponi toast għas-saħħa ta' Violetta, jirrifjuta u l-mistednin jistiednu 'l Alfredo, li jaċċetta u flimkien ma' Violetta jkantaw Brindisi, "Libiamo ne' lieti calici..." fost tal-mistednin. Waqt li l-mistednin ikunu sejrin f'sala oħra; Violetta jagħtiha attakk qawwi ta' sogħla iżda titlob lil mistednin biex iħalluha waħedha.

Waqt li tkun tħares melankonika fil-mera, jidħol Alfredo, jitħassarha u jiddikjara li jħobbha, " Un di, felice, eterea...". Tirrifjuta...imma waħedha; tibda tahseb jekk kellux ikun il-veru maħbub ta' ħajjitha; " È strano! Ah! Forse è lui...."

**It-Tieni Att**

*Fid-dar tal-kampanja ta' Violetta. Tliet xhur wara.*

Violetta tibda ħajja ġdida ma' Alfredo; "Dei miei bollenti spiriti...." Meta s-serva Ammina tgħid 'l Alfredo li Violetta kienet ġagħlitha tbigħ ġidha kollu biex huma jgħixu tajjeb, Alfredo ma jaċċettax u jmur Pariġi biex jieħu ħsieb l-affarijiet hu.

Violetta tmur lura Pariġi. Waqt party, jidħol Germont, missier Alfredo, u jgħid 'il Leonora li minħabba l-passat tagħha u għall-unur ta' familtu u l-għerusija ta' bintu; " Pura siccome un




*Il-Poster tal-ewwel rappreżentazzjoni tat-Traviata*

8007 4400

mccaa.org.mt

Mizzi House, Triq Nazzjonali, Ħamrun

# MCCAA

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

**PERMEZZ TA' PORTAL ĠDID, L-MCCAA TIPPROVDI LILL-KONSUMATUR SERVIZZI ONLAJN GĦAL IKTAR KONVENJENZA U SIGURTÀ.**



**IRRAPPORTA N-NUQQASIJIET LI TILTAQA' MAGĦHOM FIS-SUQ PERMEZZ TA' FORMOLA ONLAJN U AĦNA NINVESTIGAW IL-KAŻ!**



HTTPS://MCCAA.ORG.MT/HOME/INFRINGEMENT




- Servizzi ta' assistenza għall-konsumatur
- Helpdesk:
  - Importazzjoni ta' kimiċi
  - Pestiċidi
  - Prodotti li jitqiegħdu fuq is-suq
- Servizzi ta' kalibrazzjoni
- Servizzi ta' ċertifikazzjoni
- Servizzi ta' ttestjar speċifiku

facebook.com/MCCAAMalta

twitter.com/MCCAAMalta

instagram.com/mccaa_malta

angelo...", hija kellha titlaq lil Alfredo. Kontra qalbha, "Amami, Alfredo, quanta ti amo...." taċċetta u tikteb lil Alfredo li riedet titilqu. Alfredo jissuspetta fil-Baruni u jiddeċiedi li jikkonfrontaha waqt il-party quddiem il-Konti u l-mistednin. B'biża' li fi dwell bejn il-Baruni u Alfredo, Alfredo jiġi maqtul; Violetta tgħidlu li hija kienet tħobb lil Baruni.

Alfredo, iddisprat, jumiljaha quddiem kulħadd, "Questa donna conoscete?..." u jitfa' f'saqajha borża flus bħala ħlas għas-servizzi tagħha. Violetta, umiljata, jħossha ħażin. Jidħol Germont u jċanfar severament lil ibnu; "Di sprezzo degno' sei stesso...." Il-mistednin iridu jieħdu 'l Violetta f'sala oħra, iżda ddur fuq Alfredo, "Alfredo, di questo core non puo comprendere tutto l'amore..."

**It-Tielet Att**

*Fil-kamra tas-sodda ta' Violetta*

It-tabib jgħid 'l Ammina li t-tuberkolożi avvanzat ħafna u Violetta kellha biss ftit sigħat oħra. Waħedha, taqra l-ittra ta' Germont fejn jgħidilha li kien stqarr ma' ibnu dwar is-sagrifiċċju tagħha għalih u għal bintu. Ukoll, kien se jibgħat 'l Alfredo jitlobha maħfra. Violetta taf li issa kien tard wisq, "Addio, del passato bei sogni...." Jasal Alfredo, jitlobha maħfra, u jgħidilha jitilqu minn Pariġi, "Parigi o Cara, noi lasceremo..." Tard wisq, " Gran Dio, morir si giovane..." Jasal Germont, jitlob maħfra ta' kollox; Violetta tiġi f'tagħha, tgħid li ma kellha xejn, li fieqiet għal kollox. Mument wara, tmut f'idejn Alfredo.

La Traviata, fuq librett ta' Francesco Maria Piave ibbażat fuq id-dramm La Dame aux Camelias ta' Alexandre Dumas kellha l-premiere fis-6 ta' Mejju 1853 fit-Teatru La Fenice, Venezja. Verdi u Piave riedu li tkun ambjentata fi żmienhom, iżda d-Direzzjoni ta' La Fenice insistiet li ż-żmien ikun circa 1700. Kienet fjask x'aktarx ħtija ta' xi kantanti. Verdi kiteb, "It-Traviata kienet fjask. It-tort tiegħi jew tal-kantanti? Iż-żmien jiġġudika!" U ż-żmien iġġudika. Fl-1880, b'xi tibdil u b'Verdi jkollu sehem fl-għażla tal-kantanti, La Traviata kellha suċċess tremend. Suċċess li għadu sejjer sal-lum. Skont Operaboard, La Traviata hija l-aktar opra popolari tant li fl-istaġun operistku 2018-2019 kellha 151 rappreżentazzjoni.




Neriku
CATERING
Catering Solutions
FOR ANY EVENT
21660505 | NERIKU.COM

# Rigoletto

Rigoletto hija storja traġika mibnija dwar il-ħajja laxka żżejjed tad-Duka ta' Mantua; il-buffu ħotbi tiegħu Rigoletto, li kien jappoġġjah ħafna; u Gilda, it-tifla sbejħa ta' Rigoletto. It-titlu oriġinali, "La Maledizione"; (Is-Saħta) jirreferi għal saħta, li wieħed minn ta' madwar id-Duka kien għamel fuqu u fuq Rigoletto, wara li d-Duka, bl-għajnuna tal-buffu, kien isseduċa lil bintu. Is-saħta seħħet wara li Gilda ħabbet bil-moħbi lid-Duka: Rigoletto sar jaf b'dan u qabbad lil Sparafucile biex joqtol lid-Duka. Gilda, biex issalva lid-Duka, tissagrifika lilha nnifisha.

Biex waslu għall-verżjoni finali tal-opra, Verdi u Piave ma kellhom triq witja xejn. Wara li raw numru ta' scripts, ftehmu fuq id-dramm kontoversjali ta' Victor Hugo, "Le Roi S'Amuse". Id-dramm kien jittratta l-ħajja libertina tar-Re ta' Franza. Iċ-ċensuri qisuh xempju ta' immoralità u oxxenità. M'għaddewhx!

Billi dak iż-żmien il-parti ta' Fuq tal-Italja kienet taħt il-ħakma Awstrijaka, id-dramm ried jgħaddi miċ-ċensura Awstrijaka. Verdi u Piave għamlu minn kollox biex jinfluwenzaw iċ-ċensuri, iżda kien kollu għalxejn. Wara ħafna laqgħat, diskussjonijiet u wkoll bdil fil-librett ta' "Maledizione," li kien jinkludi bdil ta' karattri, postijiet u xi xeni; saħansitra d-Duka sar id-Duka ta' Mantua u l-buffu ħotbi minn Triboulet sar Rigoletto; intlaħaq qbil u Verdi spiċċa l-kompożizzjoni tal-opra fil-5 ta' Frar 1851; xahar biss qabel ma kellha ssir l-ewwel rappreżentazzjoni. Tant kien ċert li kienet se tkun suċċess, li Verdi ordna segretezza assoluta minn kulħadd, tant li d-Duka kellu jaħlef li la jkanta, la jsaffar u l-anqas jitkellem dwar "La Donna È Mobile" qabel l-aħħar żewġ provi.

Rigoletto, waħda mill-kapolavuri ta' Verdi, kellha l-premiere fl-10 ta' Marzu 1851 fit-Teatru La Fenice, Venezja. Kellha suċċess tremend tant



# Aaron's

-kitchen-

Our capital city delivers the right atmosphere and characteristics that combine well with the craft we have very much at heart, our food. Experience our food in the finest of service and atmosphere.









li kellha 13-il rappreżentazzjoni f La Fenice bir-ritorn ikun biss sena wara. Ilum, Rigoletto għadha tkun imtella' fl-aqwa teatri mad-dinja kollha.

**Questa O Quella**

*L-ewwel att*

Waqt ballu fil-palazz tad-Duka ta' Mantua, id-Duka jiftaħar kemm in-nisa jiġġennu warajh. Jgħid li kien ħa grazzja ma' tfajla li iżda ma kinetx fil-ballu. Id-Duka jittanta lill-mara tal-Konti Ceprano, jiġi mwissi li l-Konti, meta jsir jaf, imur jgħid lit-tfajla. Id-Duka jwieġeb li xejn ma kien jimpurtah u li għalih in-nisa kienu kollha l-istess, tkun liema mara tkun: " Questa o Quella, per me pari sono."

**La Donna è Mobile**

It-tielet att

Verdi kien ċert li Rigoletto kienet se tkun hit, tant li rabat lil kull min kellu xi sehem b'segretezza stretta. Kien aktar żgur li "La Donna È Mobile" kienet arja tant tal-widna u kulħadd kien se jibda jsaffarha jew jiħħamjaha li ġiegħel lid-Duka jaħlef li la jkantaha u l-anqas isaffarha qabel l-aħħar żewġ provi.

It-tielet att jiftaħ bid-Duka jkanta "La Donna È Mobile," in-nisa għalih kienu bħal rixa li ddur ma' kull riħ u lesti li għalih jibdlu lil maħbub tagħhom. La Donna È Mobile tkompli tinstema' matul it-tielet att.

Fil-fatt, wara l-ewwel rappreżentazzjoni, ġara kif kien ħaseb Verdi. L-udjenza ħarġet tiħħamja l-arja u malajr saret popolari mal-Venezjani, saħansitra bdew ikantawha l-gondoliera Venezjani.



WAMPUM

D#25
MENSWEAR

LIKE US ON OUR FACEBOOK PAGE
WWW.FACEBOOK.COM/DNUMBER25

52, MERCHANTS STREET, VALLETTA

**Amaspharma Co. Ltd.**
**Lourdes Pharmacy & Opticians**

**1, Massabielle Street,**
**San Gwann SGN 9030**

**Tel: 2138 7479 - 2138 1226**
**Fax: 2137 2219**
**E.mail: amasco@maltanet.net**

# Il Trovatore

Il Trovatore hija waħda mill-opri kolossali; fosthom Rigoletto, La Traviata u La Forza Del Destino; li Verdi kkompona bejn is-snin tad-deheb tiegħu; 1840 -1860.

II Trovatore, opra bi preludju qasir, u erba' atti, fuq librett ta' Salvatore Cammarano, mibni fuq id-dramm El Trovador ta' Antonio Gutierrez, kollha l-premiere tagħha fid-19 ta' Jannar 1853 fit-Teatru Apollo f'Ruma: minfejn "bdiet il-mixja glorjuża tagħha fid-dinja operistika;" mixja li għadha għaddejja bla waqfien fil-preżent. Enrico Caruso jagħmel eloġju interessanti, " Biex ikollok rappreżetazzjoni stupenda ta' Il Trovatore kulma trid hu li jkollok l-aqwa erba' kantanti fid-dinja."

Il-ġrajja ta' Il Trovatore sseħħ f'Saragoza, il-belt kapitali ta' Aragona, fi Spanja u fil-muntanji Vizcaria madwar is-sena 1412.

Il-Konti Di Luna, anzjan, jagħti locket; ġiżirana tad-deheb bir-ritratt tagħhom, lil kull wieħed miż-żewġ subien tiegħu; Di Luna u Manrico. Azucena, żingara li ommha kienet maħruqa bħala saħħara mill-Konti Di Luna, bi tpattija għall-mewt t'ommha, tisraq lil Manrico, tarbija, imma bi żball tixħet lit-tarbija proprja tagħha fin-nar. Azucena tiddeċiedi li trabbi 'l Manrico bħala t-tifel tagħha.

Jgħaddi ż-żmien. Minħabba ċirkostanzi diversi, Di Luna u Manrico; dejjem magħruf bħala t-tifel taż-żingara, u mingħajr ma jafu li huma aħwa; isiru għedewwa ta' xulxin. It-tnejn għandhom l-armata tagħhom. Di Luna u Manrico jsiru jħobbu l-istess tfajla, Leonora, li għalkemm tgħix fil-Palazz ta' Di Luna, tagħti l-imħabba tagħha lil Manrico. Manrico jinqabad priġunier ta' Di Luna, ikun mitfugħ ġo ħabs taħt l-art, jistenna li jkun iġġustizzjat. Leonora, biex teħles lil maħbub tagħha, twiegħed lil Di Luna li tiżżewġu, jekk jeħles lil Manrico. Leonora tixrob il-velenu u tmut qabel ikun meħlus Manrico. Di Luna, iddisprat li Leonora daħqet bih, jordna l-qtugħ ir-ras ta' Manrico. Iż-żingara, Azucena, priġuniera ta' Di Luna, turih il-locket bir-ritratt ta' Manrico




NENU
THE ARTISAN
BAKER
Fried Rabbit
Traditional
Maltese
Ftira
Date fritters
with traditional
Maltese ice cream
Horse Meat
Stew
Authentic
MALTESE RESTAURANT
NEW RESTAURANT in Main Street, MĠARR, Malta (next to the Church)
143, St Dominic Str, Valletta, Malta
+356 22 581 535
www.nenuthebaker.com



u jinduna li kien qatel lil ħuh. Azucena tgħid li kienet temmet il-ħalfa tagħha u twerżaq quddiem kulhadd, "Issa ivvendikajt lil ommi."

Hija ħaġa rarissima li fir-repertorju ta' staġun operistiku ta' kull kumpanija ta' stoffa madwar id-dinja ma ssibx Il Trovatore. Ir-raġuni hija sempliċi. Il Trovatore, bejn arias, dwetti, korijiet u biċċiet mużikali oħra, tikkonsisti minn tlieta u sittin (63) kompożizzjoni. Dan jagħmel l-opra kollha, mill-bidu sal-aħħar, melodija kontinwa, pjaċevoli għall-udjenza. Huwa diffiċli biex wieħed jgħid liema minnhom hija l-aktar tal-widna u melodjuża. Fost din il-festa ta' mużika eċċellenti nsibu d-dwetti Mira, d'acerbe lagrime; Non son tuo figlio, Mal reggendo, Udisti come alleggi; l-arias famużi; D'amor suit' ali rosee; Il balen del suo sorriso; Timor di me; Stride la vampa; Tace la notte u Di Quella Pira. Fost il-korijiet l-aktar li ġew irrekordjati nsibu Sul orlo del tetti; Per me ora fatal; All'erta all'erta; Squilli echeggi la tromba, il-kor taż-żingari, il-kor tas-suldati u l-immortali korijiet MISERERE u l-KOR TAL-INKWINA (ANVIL CHORUS).



SUQ TAL-BELT VALLETTA

# BURGERS.INK

BURGERS • SHAKES • PANCAKES

# La Forza Del Destino
# Overture



L-opra ta' Giuseppe Verdi La Forza Del Destino hija magħrufa fost il-kritiċi bħala opra ta' mħabba, vendetta u fejn id-Destin jilgħab parti kbira.

Il-verżjoni oriġinali tal-Opra, it-22 opra ta' Verdi, fuq librett ta' Francesco Maria Piave ibbażat fuq dramm Spanjol Don Alvaro o' La Fuerza del Sino; kellha l-ewwel rappreżentazzjoni fl-10 ta' Novembru 1862 fit-Teatru Imperjali ta' St Petersburg, fejn intlaqgħet tajjeb mill-udjenza.

Il-Markiż ta' Calatrava, ma japprovax l-imħabba ta' bintu Leonora ma' Alvaro u waqt argument bejniethom, huwa jisfa maqtul minn Alvaro. Don Carlo, hu Leonora, jaħlef li jagħmel vendetta minnhom it-tnejn għaliex kasbru l-unur tal-familja. Waqt il-ħarba tagħhom, il-maħbubin jinfirdu. Aktar tard, fi dwell bejn Alvaro u Carlo, Carlo jisfa ferut għal mewt imma qabel ma jmut joqtol lill-oħtu b'daqqa ta' stallett meta tmur biex tgħinu. Alvaro jagħmel suwiċidju billi jaqbeż minn fuq irdum.

L-opra kellha rappreżentazzjonjiet oħra f'Ruma, New York, Londra u bliet oħra, li għalkemm kellhom suċċess; Verdi deherlu li ġrajja; b'erba' delitti, kienet pessimista u drammatika wisq, u bidel il-final billi Alvaro ma jikkommettix suwiċidju u jsir patri. Ukoll, ried overture li tant kien kburi biha li ried li tkun l-aħħar verżjoni ta' La Forza Del Destino.

L-Overture, illum magħduda l-isbaħ fost is-sinfoniji ta' Verdi, hija komposta b'temi mill-Opra, li jimxu mad-destin tal-maħbubin. Il-motiv misterjuż tal-ftuħ jirrappreżenta d-"destin" u jerġa' jinstema' kull darba li d-destin ikollu sehem. It-tieni tema hija d-dwell bejn Alvaro u Carlo li jispiċċa bil-feriment għall-mewt ta' Carlo u t-tema tkompli bit-talba ta' Leonora lill-Madonna qabel tmur tgħix ta' eremita. It-tema finali tkun il-qtil tagħha minn ħuha bħala l-aħħar vendetta qabel ma jmut.

Ilum, l-Overture għal La Forza Del Destino tagħmel parti minn kull repertorju ta' kull orkestra sinfonika madwar id-dinja u x'aktarx iva milli le tkun ukoll il-ftuħ ta' kunċerti klassiċi ta' klassi.

B4 group

**Zabbar Road Fgura FGR 1017**
**Tel : +356 21801092**
**E-mail : info@ b4.com.mt.**

**Constitution Street Mosta. MST 9053**
**Tel : +356 21432003**
**E-mail : mosta@ b4 .com.mt.**

**FaceBook :**
**https : // www.facebook.com / B4 textiles /**

# Aida

## L-Ewwel Att

Radames, ġeneral tal-armata Eġizzjana, isir jaf li se jkun hemm battalja bejn l-armata Eġizzjana u l-armata tal-Ethiopia. Jixtieq li jkun hu li jmexxi l-armata ta' pajjiżu biex meta jirbaħ u jiġi lura rebbieħ; "Ritorna Vincitor..." jirbaħ ukoll l-imħabba ta' Aida, " Celeste Aida..." skjava ta' Amneris, l-Priċipessa tat-Eġittu. La Amneris u lanqas Radames ma jafu li Aida hija ta' Amonasro, Re tal-Ethiopia. Radames jintagħżel biex ikun hu l-ġeneral tal-armata. Meta Aida ssir taf, tisfa distrutta bejn l-imħabba lejn pajjiżha u l-imħabba lejn Radames.

## It-Tieni Att

Amneris ukoll tħobb lil Radames. Tissuspetta li Radames u Aida jinħabbu. Bil-għan li tikxef il-verità, tgħid lil Aida li Radames kien safa' maqtul waqt il-ġlied. Mir-reazzjoni ta' Aida għal din l-aħbar, tikkonferma s-suspetti tagħha. Radames joħroġ vittorjuż. Jaqbad il-priġunieri li fosthom hemm Amonasro, u jirritorna trijonfalment, "Marcia Trionfale...." lejn l-Egittu. Ir-Re, bħala rigal, joffrilu li jagħtih kulma jrid. Radames jitlob il-ħelsien tal-priġunieri. Ir-Re jaċċetta u jeħles lill-priġunieri barra 'l Aida u Amonasro u jħabbar li Radames se jkun is-suċċessur tat-tron tal-Eġittu u wkoll joffrilu lil bintu Amneris bi żwieġ.

## It-Tielet Att

Aida tkun tistenna li tiltaqa' ma' Radames u jidħol Amonasro. Jgħidilha li għall-imħabba ta' pajjiżha, kellha tinganna lil Radames biex jgħid fejn kienet l-armata Eġizzjana. Kontra qalbha, taċċetta u meta jidħol Radames twaqqgħu u missierha jsir jaf dak li ried. Tidħol għal għarrieda Amneris. Radames jinduna li t-tradiment tiegħu kien inkixef u jħarrab lil Amonasru u 'l Aida. Radames jagħraf l-iżball tat-tradiment tiegħu u jagħti lilu nnifsu priġunier ta' Amneris.

## Ir-Raba' Att

Amneris twiegħed lil Radames li taħfirlu jekk jinsa l-imħabba lejn Aida u jiżżewweġ lilha. Jirrifjuta. Il-Qassis il-Kbir jissentenzjah għal mewt billi jindifen ħaj. Amneris għalxejn titlob






# FRANKS STORES LTD.

www.franks.com.mt





għal maħfra tiegħu. Radames jindifen ħaj taħt l-art. Jieħu sorpriża kbira meta toħroġ Aida u tgħidlu li kienet inħbiet hemm biex imutu flimkien. Radames u Aida jiddikjaraw l-imħabba tagħhom għal xulxin għall-aħħar darba.

**Aida Fatti Interessanti**

Fl-1870, il-Khedive Ismael Pasha tal-Egittu offra 4000 lira lil Verdi biex jikkomponi opra fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Khedivial Opera House, fil-Kajr bħala ċelebrazzjoni tal-ftuħ tal-Kanal tas-Suez, fl-1869; jiġifieri li mhux bħal ma jaħsbu ħafna li l-Aida nkitbet fil-ftuħ tas-Suez.

L-ewwel rappreżentazzjoni saret fl-24 ta' Diċembru 1871 fil-Khedivial Opera House, Cairo, l-Eġittu u kellha suċċess kbir. Il-Librett kien ta' Camille du Lode, Franċiż, maqlub għat-Taljan minn Antonio Ghislanzoni.

Aktar tard, Verdi nnifsu idderieġa l-Premiere tal-Aida f'La Scala, Milan. Ġie mgħajjat fuq il-palk 32 darba u mogħti bakketta tal-ivorju u stilla tad-djamanti b'AIDA miktuba bir-rubini. Għall-"Marċ Trijonfali" fit-tieni att, Verdi kkummissjona sitt trombi stil Eġizzjan; twal metru u nofs; b'valve wieħed li jagħtu ħoss ta' battalja. Dawn għadhom magħrufin, "It-Trombi tal-Aida." Ilum, l-Aida hija l-11-il opra bl-akbar għadd ta' rappreżentazzjonijiet fid-dinja. Fl-Opera House ta' New York, mill-1886 sal-lum Aida kellha aktar minn elf u mitt rappreżentazzjoni.



# JOSEPH SAMMUT
## CO. LTD. Est. 1977

- TURNKEY CONTRACTORS -

## OVER 45 YEARS OF EXPERTISE

No Job is too small or too big!

ALL TYPES OF PLASTERING
POINTING - PAINTING - GYPSUM
DRAIN LAYERING
TILE LAYING
BUILDING ALTERATIONS
RESTORATION WORKS
ALL KINDS OF DECORATIVE WORKS

10, Triq Hal Qormi, Sta. Venera
2144 5380 / 9949 2539
jsammut412@gmail.com










# Nabucco
# Overture

Nabucco, it-tielet opra ta' Verdi, fuq librett ta' Temistocle Solera, ibbażata fuq ġrajjiet bibliċi mill-kotba ta' Jeremiah u Danjeli; kellha l-ewwel rappreżentazzjoni fid-9 ta' Marzu 1842 fit-Teatru La Scala. Kienet suċċess kolossali.

L-overture hija pot pourri fil-qosor tat-temi prinċipali tal-opra, li ħafna minnhom nerġgħu nisimgħuhom. L-overture tiftaħ b'introduzzjoni fantastika fuq ir-ramm, u wara xi temi oħra, Verdi jdaħħalna ħelu ħelu, permezz tal-oboe u l-klarinett, f'varjazzjoni tal-Va Pensiero. L-overture tkompli b'pass mgħaġġel; tempo di guerra, b'temi varjati assoċjati mal-iskjavitu tal-Ebrej taħt Nabucco, Re ta' Babilonja.

Nabucco, Re ta' Babilonja, imexxi l-armata lejn Ġerusalemm bil-għan li jirbaħ il-belt u jwaqqa' l-Iżraeliti fl-iskjavitù. Abigaille, it-tifla l-kbira ta' Nabucco, tasal fil-Belt qabel l-armata u toffri s-salvazzjoni lill-Iżraeliti bil-kundizzjoni li lsmaele, in-neputi tar-Re ta' Ġerusalemm isir il-maħbub tagħha. lsmaele jirrifjuta l-imħabba tagħha billi huwa ġa kien il-maħbub t'oħtha ż-żgħira, Ferena, li kienet miżmuma ostaġġ mill-Iżraeliti u kienet ikkonvertit għal Ġudaiżmu.

Abigaille taħlef vendetta. Jasal Nabucco li jordna d-distruzzjoni totali tat-Tempju ta' Salamun.

Lura f'Babilonja, Abigaille ssir taf li mhijiex it-tifla naturali ta' Nabucco, iżda kienet bint skjavi. Mifxula li dan il-fatt jinkixef u hi ma tkunx tista' taħkem fil-Babilonja, tippjana biex tisraq it-tron lil Nabucco u 'l Ferena. Kif tiddikjara lilha nnifisha reġina, jasal Nabucco u, infurjat bit-tradiment, jipproklama lilu nnifsu, mhux biss re iżda Alla ukoll. Fil-pront, jintlaqat minn sajjetta li jġennu. Issa, mingħajr ebda ostakolu għar-renju,




FINE & FRIZZY HAIR
ALL THE SMOOTHING, HALF THE WEIGHT*
*vs. Frizz Ease Extra Strength Serum
JOHN FRIEDA
LONDON PARIS NEW YORK
NEW
FRIZZ ease
weightless wonder
SHAMPOO
CONDITIONER
FEATHERLIGHT SMOOTHING CRÈME
FEATHERLIGHT
FRIZZ FREE WEIGHTLESSLY SMOOTH
JOHN FRIEDA
DESIGNED FOR DEMANDING HAIR



Abigaille tordna l-qtil tal-Iżraeliti inkluża Ferena. Nabucco jitlob 'l Alla tal-Iżraeliti biex jgħinu, bil-wegħda li jikkonverti hu u l-imperu kollu. It-talba tiegħu sseħħ, jiġi f'sensih għalkollox; u jasal fil-ħin biex iwaqqaf l-eżekuzzjoni ta' Ferena u l-Iżraeliti. Abigaille, b'disprament u rimors, tixrob il-velenu. Nabucco jeħles l-Iżraeliti.

In-"Nabucco" bl-istorja u l-mużika brillanti tagħha u aktar bl-innu majestuż "Va Pensiero," stabbilit lil Verdi bħala l-akbar kompożitur Taljan tas-seklu dsatax.

Fl-awtobijografija, Verdi jikteb, "Din l-opra hija l-bidu tal-karriera artisika tiegħi. U għalkemm kelli niġġieled ħafna kontra ħafna diffikultajiet, hija ħaġa żgura li Nabucco twieldet taħt stilla ffortunata."



D'OFFICE bistro

132,
Archbishop Street,
Valletta

Tel: 27221475
Mobil: 99441120

# Nabucco
# Va Pensiero

**It-Tielet Att. Fuq ix-xatt tax-xmara Euphrates**

L-Iżraeliti, maqbudin priġunieri minn Nabuccodonosor, Re ta' Babilonja, u meħudin skjavi fil-Babilonja, jinsabu fuq ix-xatt tax-Xmara Euphrates, marbutin bil-ktajjen u mġegħlin jaħdmu bil-forza. Ikantaw dan l-innu fejn jibku x-xorti ħażina tagħhom, juru n-nostalġija tagħhom għal pajjiżhom u jitolbu 'l Alla biex jeħlishom mill-iskjavitù.

Tant kisbet suċċess l-ewwel opra, Oberto, li l-impressario ta' La Scala, Merelli, iffirma kuntratt ma' Verdi, għal tliet opri oħra.

Fi żmien qasir ħafna, Verdi kellu jgħaddi minn tliet traġedji kbar personali: il-mewt ta' bintu Virgilia fl-età ta' 17-il xahar; il-mewt ta' ibnu, Icilio fl-età ta' 15-il xahar u f'inqas minn sena wara, mietet martu Margerita meta kellha biss 26 sena.

Dawn it-traġedji ħallew effett kbir fuqu u ma kinetx sorpriża li t-tieni opra, Un Giorno Di Pianto, kienet fjask; tant li Verdi ddeċieda li jieqaf jikkomponi. Merelli insista li kien marbut b'kuntratt, taħ il-librett tal-opra iżda Verdi sabbtu mal-art. Merelli ma qatax qalbu u poġġielu l-librett fil-but. Għal darb'oħra, Verdi għamel l-istess iżda, b'kumbinazzjoni, il-librett infetaħ u fil-wiċċ ġiet il-paġna ta' "Va Pensiero, sull'ali dorate" li meta Verdi raha, tant laqtitu, li mar id-dar, u fuq il-pjanu bdiet il-kompożizzjoni tan-Nabucco.

Il-Kor tal-Iżraeliti, skjavi ta' Nabucco, Va Pensiero, sar simbolu ta' popli mjassra jiġġieldu għall-ħelsien politiku. Fil-fatt, "il-Kor" kien meqjus l-espressjoni tal-poplu Taljan għall-ħelsien tal-Italja mill-ħakma tal-barrani tant li "Viva Verdi" sar is-slogan "Viva Vittorio Emmanuele Re D'Italia".

L-Innu baqa' jintuża wkoll fi żmien il-Faxxiżmu u wkoll wara t-Tieni Gwerra Dinjija bħala l-emblema tan-Nazzjonaliżmu Taljan. Fl-1981, kien hemm attentat biex Va Pensiero jsir I-Innu Nazzjonali tal-Italja, iżda sal-2009 din l-idea ġiet abbandunata.

Meta 11-il ġurnata wara l-attakk terroristiku tal-11 ta' Settembru 2001, il-Metropolitan ta' New York fetaħ l-istaġun operistiku, il-kor beda bil-"Va Pensiero" b'tislima lit-3,000 vittma tal-attakk.



PALAZZO PRECA

RESTAURANT

WHERE YOU MEET, EAT & GREET





Located in Strait Street, right in the heart of Valletta, **Palazzo Preca** specializes in fresh fish and sea food, and offers also a range of Mediterranean and Maltese dishes. Renowned for its innovative cooking style and use of seasonal fresh produce - with selected daily specials on the board, you are certain to enjoy a mouth-watering experience.

54, Strait Street, Valletta • T: 2122 6777 • 9984 8688 • 9986 6640
Tuesday to Saturday: Open for lunch & dinner
Sunday: Open for lunch (Winter) and dinner (Summer)

1974

PHOTOCITY

VALLETTA

Va, pensiero, sul all dorate,
Va, ti posa sui clivi, sui colli,
Ove olezzano tepid' e molli
l'aure dolci del suolo natal.
Del Giordano le rive salute,
Di Sionne le torn atterate.
O mia patria si bella e perduta;
O membranza si cara e fatal.

Arpa d'or del fatidici vati
perche muta dal salice pendi?
Le memorie nel petto raccendi.
Ci favella del tempo the fu.
O simile di Solinia ai fatti,
traggi un suono di crudo lamento
O t'ispiri il Signore un concento
Che ne infonda al patire virtu.

*Go, thoughts, on wings of gold,*
*Go, settle on the slopes and the hills,*
*where soft and mild, the sweet airs*
*of our native land smell fragrant.*
*Greet the banks of the Jordan*
*and Zion's toppled towers.*
*Oh my country so beautiful and lost Oh*
*remembrance so dear and so fatal.*

*Golden harp of the prophetic seers,*
*Why hang so silently upon the willows?*
*Rekindle memories in our hearts*
*And speak to us of times gone by.*
*Oh similar to the fate of Jerusalem*
*give forth a sound of crude lamentation*
*Oh, let the Lord inspire you a concept*
*Which may instil virtue to suffering.*






Supplier & Specialized
on Tempered Glass, Bullet Proof Glass, Walking Floor Glass,
Tempered Glass Doors, Shower Doors & Tempered Laminated Glass.

*Directors: Ray Ciantar & Carl Ciantar*

***Caprice Ltd.***
***15/16, Mdina Road, Żebbuġ ŻBĠ 9091***

***Tel: (00356) 21460202 - (00356) 27460202***
***G.S.M. (0356) 99993168 - (0356) 99493118***
***Cel: 0039 3285407 422***
***e-mail: caprison@melita.com***



elektra®

ess

electrical supplies & services ltd.

# Carefree Sofas











**Factory 10B,**
**Industrial Estate**
**Xewkija, XWK 3000**
**Gozo, Malta.**

**Tel: 21557456**
**Mobile: 99496673-79473427**
**website - www.carefree-sofas.com**
**email - carefree.sofas@gmail.com**

# Kif Għadda ż-Żmien 1949 - 2019

Charles Mangion

10 ta' Frar— Festa tan-Nawfraġju, jum speċjali għalija u għal missieri li għalih kienet l-akbar festa u l-Każin kien it-tieni dar tiegħu. Wara snin ta' studju taħt Mro E. Lowell, ħriġt indoqq ma' "La Valette." Libsa ġdida bil-qalziet twil — dak iż-żmien konna nżanżnu l-qalziet twit ta' 15-il sena. Ħolma li seħħet għal missieri. Klarinett kien jiswa 30 lira — daqs sitt ġimgħat xogħol għal ħaddiem normali.

Għalkemm xi ftit beżgħan, ħassejtni xi ftit kburi. Ta' 13-il sena kont l-iżgħar bandist. Kien unur li ddoqq ma' La Valette; ma' klarinettisti bil-mustaċċi bħal Lowell, Consiglio, Morello, Gaud; kollha surmastrijiet. Miegħi kienu ħarġu wkoll il-kuġini Guido u Frankie Mifsud, Bonello, Quintano u Friggieri. Ħadd minnhom m'għadu magħna. Ħassejna ruħna speċjali! Il-klarinett tagħna kien "Boehm system" filwaqt li klarinetti oħra kienu għadhom bis-"simple system."

L-10 ta' Frar 1949 kien ukoll jum speċjali għal Malta u għas-Società La Valette. Wara l-Pontifikal, folla enormi kienet tistenna l-Arċisqof Gonzi. Saret dimostrazzjoni kbira lill-Arċisqof; bħala protesta kontra s-sentenza ta' għomru l-ħabs lill-Kardinal Josef Midzenty tal-Ungerija. Waqt il-marċ "tas-siegħa," meta l-folla kienet akbar u aktar entużjasta mis-soltu, l-ammiraturi ppreżentaw il-bandalora sinjura, "EĊĊELLENZA" li għadna narawha f'nofs il-Banda llum.

Waslet il-Ġimgħa l-Kbira. Kellna mhux biss nistudjaw il-marċi funebri, imma wkoll is-Surmast Lowell kien iniżżilna fil-kantina biex nidraw "il-pass" li La Valette hija magħrufa għalih. Niftakar li wara l-purċissjoni kont għajjien mhux ftit għax il-purċissjoni kienet kważi d-doppju tal-lum.

Ottubru 1949 — Il-75 Anniversarju tas-Società. Fost il-festi kbar li saru li ma jintesewx, il-Banda żanżnet strumentatura kompluta; bl-injam jaqleb għal "Boehm System." Hawn ukoll, waqt il-kunċerti, ħassejtni mistħi imma xi ftit importanti meta bandisti ta' esperjenza bdew jistaqsuni dwar kif tirfes xi ċwievet billi għalihom is-sistema kienet ġdida għalkollox.

Għal dan l-anniversarju, is-Surmast Giuseppe Camilleri — żgur wieħed mill-aqwa surmastrijiet Maltin ta' kull żmien, tella' programm kbir u iebes li fost il-biċċiet magħżula kien hemm; fantasija twila mill-Gioconda, il-Pasqua Russa u I-Prince Igor. Kemm ir-Radio City u Pjazza Reġina kienu mballati bl-ammiraturi. Kull biċċa ntlaqgħet b'applawsi interminabbli u dan bir-raġun għax il-banda kienet eċċellenti fl-esekuzzjoni ta' kull biċċa.

Ma tistax issemmi l-istorja ta' "La Valette" u ma tiftakarx żewġ programmi kbar li llum m'għadhomx isiru. Lejlet il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu konna nagħmlu programm kbir - Sinfoniji sħaħ u Fantasiji vasti — fi Pjazza



*Charles Mangion (l-aħħar wieħed fuq il-lemin) idoqq għall-ewwel darba mal-Banda La Valette fil-Festa ta' San Pawl fl-1949.*

VALLETTA
*Città Umilissima*



**28 ta' Marzu 2020**
Jum il-Fondazzjoni
tal-Belt Valletta

Il-Kunsill Lokali
tal-Belt Valletta
qed jistiednek biex tkun
parti miċ-ċelebrazzjonijiet
li ser ifakkru dan
il-Jum Storiku.

Kunsill Lokali tal-Belt Valletta

CAFE
CAPITOLINO
Republic Street, Valletta

Reġina; li għalih kienu jiġu nies minn Malta kollha u l-applawsi kienu twal u wkoll xi bis għal xi melodija popolari. Okkażjoni oħra mistennija mill-ammiraturi kienet il-Festa Nazzjonali waħdanija tal-Otto Settembre. Konna nagħmlu programm tajjeb fil-Mainguard- illum Pjazza San Ġorġ- "La Valette" naħa u l-"King's Own" naħa oħra. Il-pika mużikali kienet kbira. II-Pjazza kienet tkun mimlija bil-partitarji taż-żewġ baned jippikaw min iċapċap l-aktar fit-tul wara kull biċċa. Kien dejjem jintalab il-bis għall-innijiet tal-baned.

Dnub li l-planċier; tagħna tal-metall u tagħhom tal-injam; illum x'aktarx li nqerdu. Il-vot popolari dak iż-żmien kien; La Valette għall-programmi u tal-Istilla għall-marċi.

Ta' min jgħid, min kien jitgħallem fl-iskola tal-mużika kien irid jagħmel ħames snin idoqq b'xejn però konna nieħdu gost. Il-banda kellha aktar programmi: għalkemm illum qed jerġgħu jiżdiedu. Konna mmorru l-Gżira, l-Isla, Ħaż-Żebbuġ, II-Birgu, II-Mosta, In-Naxxar, naturalment barra dawk li żammejna dejjem bħaż-Żurrieq u r-Rabat. Konna nispiċċaw tard għaliex f'ċertu postijiet konna nkomplu ndoqqu l-programm wara li tidħol il-purċissjoni. Karozzi ftit li xejn kien hawn; allura kien ikun hemm żewġ privates, waħda tal-Belt u oħra tas-Sliema. Fil-vjaġġ lura konna nagħmlu xalata ta' kant ma' xi bandist żagħżugħ bil-kurunetta u mhux l-ewwel darba li xi bandist anzjan għajjien kien jagħmel għalina biex nieqfu mill-istorbju: skont hu. Ta' min isemmi wkoll li konna nkunu bil-ġlekk anke fl-eqqel tas-sajf: paċenzja parti mill-uniformi.

Dak il-programm ta' Como kien isir fi Pjazza Reġina. Dejjem programm kbir ta' mużika operistika u klassika b'fantasiji twal u sinfoniji sħaħ fosthom x'aktarx xi waħda ta' L.V. Beethoven. Kienet id-drawwa li l-bandisti ma jitħallsux tal-programm u minflok, il-kumitat kien jagħti ikla tajba fis-Sala ta' La Valette wara l-programm. Iż-żgħażagħ, l-aktar, konna nistennewha, mhux l-aktar għall-ikel imma għax-xalata ta' ċajt u ħmerijiet li konna nagħmlu. Il-bandisti bdew jippreferu l-flus u l-ikla spiċċat. Tassew dnub.

Il-Programm ta' Como baqa' jsir fi Pjazza Reġina sas-sena 1974 meta allura s-Soċjetà ċċelebrat



l-ewwel ċentenarju mit-twaqqif tagħha. Saru 15-il ġurnata ta' ċelebrazzjoniijiet li għalqu b'kunċert kbir fit-Teatru Nazzjonali, u wara, b'ripetizzjoni fi Pjazza Reġina, mimlija b'mijiet ta' ammiraturi; fejn ġew ippreżentati numru kbir ta' tifkiriet.

Għal raġunijiet diversi n-nies bdiet tonqos minn Pjazza Reġina u aktar minn hekk is-Surmast Sammut kien tal-fehma li kunċert ta' kalibru bħal dan kien ikun ħafna aktar apprezzat jekk isir fil-magħluq. Il-kumitat laqa' l-parir. Fit-22 ta' Novembru 1975 sar għall-ewwel darba fl-Istitut Kattoliku. Kulħadd jaf bis-suċċessi li jkollha l-Banda La Valette, l-ewwel taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Sammut u llum taħt id-direzzjoni tas-Surmast Dominic Darmanin.

Illum li ili bandist ma' La Valette għal 70 sena, żgur li jien l-aktar bandist anzjan u ili ndoqq mal-Banda. Għandi pjaċir ukoll li fuq talba tal-mibki Gorg Galdes ġibt up to date u għadni nieħu ħsieb l-arkivju mużikali tas-Società. Bħala bandist ma nistax inkun membru fil-kumitat imma ġieli kont segretarju ta' xi Kummissjoni għal xi avveniment speċjali u bħala Segretarju (C.E.Q.) tal-Kummissjoni Elettorali, nieħu ħsieb flimkien ma' membri oħra, kull elezzjoni li jkun hemm fis-Società.

Nagħlaq dawn il-ftit tifkiriet billi nawgura lill-President ħabrieki Jonathan u l-kumitat ikomplu tassew il-ħidma kbira li qed jagħmlu ħalli l-isem tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette jibqa' miżmum fil-għoli kif dejjem kien. Min-naħa tiegħi, inwiegħed li nkompli nagħti s-sehem tiegħi kif dejjem tajt. Ad Multos Annos.


tm
Transport Malta
MINISTERU GĦAT-TRASPORT,
L-INFRASTRUTTURA U L-PROGETTI KAPITALI
Tih nifs il-*mobile*
għax tista' tikkawża
inċident!
MALTA
ROAD
SAFETY
COUNCIL
www.transport.gov.mt

# #Tastes Heavenly



Shop our dessert selection online

WWW.CCAMILLERIANDSONSLTD.COM.MT

CAMILLERI TAL-HELU


OZOGROUP
malta
Your partners for HR outsourcing
OzoMalta
OzoGozo
OzoAcademy
OzoSecurity
OzoCare
Ozosystem
OzoChemicals
OzoHospitality
OzoProperties
OzoResources
WWW.OZOGROUP.COM
info@ozogroup.com


KANTINA
café & wine
Your perfect spot
in the ♥ of Valletta
SNACKS • BAGUETTES • SALADS • GRILLS • DESSERTS
2723 0096
kantinacafe@gmail.com
Opening Hours
Monday To Saturday 8am - Till Late
Sunday 9am - Till Late
St.John's Square, Valletta

# Ħajr

Is-Società Filarmonica Nazionale LA VALETTE tixtieq tirringrazzja lil:

L-Eċċellenza Tiegħu Dr George W Vella, President ta' Malta
Onor. Dr Konrad Mizzi, Ministru għat-Turiżmu
Onor. Dr José Herrera, Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima
Onor. Dr Owen Bonnici, Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Onor. Dr Deo Debattista, Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Konsumatur, Indafa Pubblika u Sostenn tal-Belt Kapitali
Onor. Dr Clifton Grima, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, l-Isport u Organizzazzjonijiet Volontarji
Alfred Zammit, Sindku, Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
L-ET Mario Sammartino, Ambaxxatur tal-Italja għal Malta
Mario Landriscina,Sindaco di Como, Italia - b'Messaġġ Speċjali
Cav. Dott. Tonio Portughese, Chairman Bord tad-Diretturi, Public Broadcasting Services Ltd.
Diretturi, Management, Ħaddiema tal-PBS
Albert Marshall, Chairman, Kunsill Malti għall-Arti
Johan Galea, Segretarju Permanenti,Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Castille Hotel,Valletta
Charles Polidano, Montekristo
Michael Sciberras, Beati Paoli
Seyba Aluminium Ltd
George Tabone, Gram Collection
The Journal of the Maltese Diaspora, Adelaide, Australia
The Voice of the Maltese, Australia
Angele Abela, Chief of Staff, Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Ryan Borg, Kap Segretarija, Segretarjat Parlamentari Sport, Żgħażagħ u Organizzazzjonijiet Volontarji
Mauro Pace Parascandalo
Dott. Alberto Canali
Avvocatessa Barbara Ferrari
Mro Joe Galea
Simon Abela
Mro Hermann Farrugia Frantz
Ing Helga Pizzuto,Chairperson MCCAA
Eric Fenech
Olaf McKay, Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Konsumatur, Indafa Pubblika u Sostenn tal-Belt Kapitali
Dr Noel Camilleri
L-ET Frank Zammit, Ambaxxatur għas-Santa Sede
Reno Bugeja
Owen Galea
Joe Cassar
Joe Julian Farrugia
Albert Storace
Joe Chetcuti
Mario Micallef
Peter Paul Ciantar
Frans Lia
Godfrey Smith
Matilde Balzan
Brian Hansford
Quinton Scerri
James Chappell
Joe Dimech
Victor Vella
Daniel Vella
Aaron Zahra
Brian Bonnici
Marie Benoit
Tony Cassar Darien
Rinaldo Belluschi, Collaboratore, Sindaco di Como
Francesca Manfredi, Addetto Stampa, Comune di Como
Ing. Franco Andretta, Rotary International, Monza, Italia
Andrea Romano, L-Ewwel Segretarju, Ambaxxata tal-Italja għal Malta
Dr Gavin Gulia, Chairman Eżekuttiv, Awtorità Maltija għat-Turiżmu
Carlo Micallef, Deputat CEO, Awtorità Maltija għat-Turiżmu
Massimo Sarti, Direttur, Istituto Italiano di Cultura, Valletta
Henriette Calleja, Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima
Ramona Borg, Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima
Il-Bizzilla, Air Malta In-flight Magazine
Lehen is-Sewwa
Sarah-Lee Zammit, Maltarti
Toyah Zammit, Awtorità Maltija għat-Turiżmu
Priscilla Civelli. —- Visitmalta
Rebecca Pisani
Claudette Mifsud
Media stampata u awdjovisiva
Għadd kbir ta' Sponsors, Voluntiera, Partitarji u Ammiraturi

foodbox SELF SERVICE

11, Misraħ is-Sebgħa ta' Ġunju 1919, Ħamrun Mob: 7977 7723




CHILLED
PRESERVES
FROZEN
MINERALS
DAIRY
COUNTER




FRESH
FRUIT
AND
VEGETABLES

2, Misraħ is-Sebgħa ta' Ġunju 1919, Ħamrun




DETERGENTS
TOILETRIES
BABY FOOD
HOUSEHOLD
GOODS
NAPPIES
PET FOOD
STATIONERY

22, Misraħ is-Sebgħa ta' Ġunju 1919, Ħamrun
Mob: 7977 7723
7931 6622

Find us on: facebook. **foodbox soapbox discount stores**

# ALL AT BEST AND UNBEATABLE PRICES

**FREE DELIVERY**

# WHERE ITEMS COST LESS

NOM NOM

REAL FOOD




NOM NOM

REAL FOOD

## GNIEN L - ISTAZZJON

## BIRKIRKARA

99515105    79283742

info@nomnommalta.com    www.nomnommalta.com

# Riklami


Aaron's Kitchen .................................... 88
Amaspharma Co. Ltd. ............................ 90
Assikura Insurance Brokers Ltd. ............ 66
Asti Brasserie........................................ 54
B4 Group ............................................. 96
Beati Paoli ........................................... 30
Bonnici Press ......................................... 8
BOV................................ font cover inside
Brown's Pharmacy ................................ 40
Buffalo Bill's Steak House ..................... 62
Burgers.Ink .......................................... 94
Cafe Capitolino ....................................112
Camilleri & Sons Ltd. ...........................114
Caprice Ltd. ....................................... 108
Carefree Sofas......................................110
Casa Lapira .......................................... 44
Cisk ..................................................... 20
Civil Service Sports Club ....................... 74
Coca-Cola ............................................ 32
Convenience Shop................................. 64
Croce Bonaci........................................... 4
D#25 ................................................... 90
De Robertis .......................................... 44
D'Office.............................................. 104
Dolceria Barigozzi ................................ 26
Dolceria Clyde ...................................... 98
E. Theuma & Company Ltd.................... 72
Eddie's Cafe Regina .............................. 80
Elektra ............................................... 109
ESS .................................................... 109
FexServ Ltd. ......................................... 38
FGP Ltd. .............................................. 14
Finestral ......................... back cover inside
FoodBox Self Service...........................118
Franks Stores Ltd. ................................ 98
GasanMamo .......................................... 24
Gioielleria Zampa ..................... back cover
Golden Lion Snack Bar ....................... 108
Hypnos Vitafoam .................................. 14
J. Curmi Interiors .................................. 29
John Frieda ......................................... 102
Joseph Sammut Co. Ltd....................... 100
Kantina Cafe & Wine ...........................116
Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.............112
Lancet Salon ........................................ 54
Logografix Signs............ back cover inside
Lourdes Opticians ................................ 65
Luciano ............................................... 42
M. Demajo Group ................................. 12
Matalan ............................................... 18
MCCAA ............................................... 84
Montekristo Brewery............................... 6
MRCD ................................................. 50
Multigas ............................................... 28
Nenu The Artisan Baker ........................ 92
Neriku ................................................. 86
NomNom ............................................119
OzoGroup ..........................................116
Palazzo Preca ..................................... 106
Parliamentary Secretariat for Agriculture,
Fisheries and Animal Rights.................. 10
Photocity ............................................ 106
Queen Victoria City Pub........................ 58
Ramla Bay Resort ................................. 70
Rampila................................................ 82
Regima Zone Spa .................................. 57
Revlon ................................................. 36
Rosso Pizza & Pasta.............................. 78
Royalty Bedding & More ...................... 46
Salon Services....................................... 76
San Giovanni......................................... 15
San Paolo Naufrago............................... 34
Saving Our Blue.................................... 52
Seyba Aluminium.................................. 16
Sports Experience ................................. 15
Sterling Jewellers .................................... 2
Transport Malta...................................114
Tutto Sport Malta .................................. 22
UC Ltd. ................................................ 56
Vecchia Napoli...................................... 48
Zizka Kitchen........................................ 22




10 YEAR WARRANTY

Finestral®
ENERGY EFFICIENT uPVC APERTURES

Contact us for a FREE on-site quotation.

**A** SUB 092B, Qasam Industrijali, San Gwann, SGN 3000
**T** 2146 3522 **M** 9942 3326
**E** sales@finestralmalta.com

**www.finestralmalta.com**

Authorised Manufacturers and Installers

deceuninck

Logografix™ SIGNS

www.logografixsigns.com




Gioielleria
ZAMPA
REPUBLIC STREET 12, VALLETTA.
TEL: 2122 0194
WWW.SERGIOZAMPA.COM